**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 226 (1) (a) tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru:1262 /2013***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**ANTHONY ZAHRA**
**(I.D. 333045M)**

**U**

**MARK PISCOPO**
**(I.D. 245569M)**

**Illum 19 ta' Lulju, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANTHONY ZAHRA**, ta' 68 sena, iben Anthony George u Ersilia xebba Sammut, imwieled Sliema nhar l-10 ta' April, 1945, residenti 'The Panther', Triq E. Bradford, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 333045(M)

U

**MARK PISCOPO**, ta' 44 sena, iben John Mary u Antonia xebba Spiteri, imwieled Pieta' nhar l-14 ta' Gunju, 1969, residenti 73, Flat 3, Triq il-Miratur, Floriana u detentur tal-karta tal-identita' numru 245569(M);

Gew imressqa quddiemha u akkuzati talli nhar il-24 ta' Gunju, 2012 fil-Furjana, ghall-habta tal-erbgha w ghaxra (16.10) ta' wara nofsinhar,

- B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunaw offiza ta' natura gravi u li kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, u/jew gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' Hector Zammit

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-Kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' Dicembru, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens li jinsab a fol. 6, zewg (2) estratti mill-att tat-twelid taz-zewg imputati a fol. 7 u 8, zewg (2) fedini penali taz-zewg imputati a fol. 9 et seq., dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd ghal Parir Legali tal-imputat Anthony Zahra a fol. 20, zewg (2) stqarrijiet tal-imputat Anthony Zahra a fol. 21et seq., dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd ghal Parir Legali tal-imputat Mark Piscopo a fol. 26, stqarrija tal-imputat Mark Piscopo a fol. 27 et seq., u okkorrenza a fol. 30 et sequitur tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar il-21 ta' April, 2014 permezz ta' digriet ta' Assenjazzjoni mill-Prim Imhallef.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u lill-imputat Mark Piscopo jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u semghet ix-xhieda prodotta mid-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-4 ta' Lulju, 2014 xehed il-**Perit Richard Aquilina** u spjega li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta dwar incident fejn Hector Zammit korra gravi meta waqghet fuqu lasta tal-futbol gewwa l-futbol grawnd tal-Floriana. Huwa kkonferma r-relazzjoni tieghu esebita f'dawn l-atti a fol. dsatax (19) tal-Proces Verbal u l-konkluzjonijiet tieghu hemm raggunti. Iddikjara li ma kellu xejn x'ibiddel jew xi izid mal-konkluzjoni tieghu hemm imsemmija.

Illi nhar id-9 ta' Gunju, 2015 rega xehed il-**Perit Richard Aquilina** in kontro ezami u spjega li huwa minnu li kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat Dr. Apap Bologna sabiex jaghmel pjanta tal-post u jisma' xi xhieda. Mistoqsi jekk huwa ghamilx xi ezamijiet biex wasal ghal-konkluzzjonijiet imsemmija fir-relazzjoni tieghu, spjega illi ra illi l-lasti li ma kinux marbuta u li ma kinux stabbli. Dawk li kienu marbutin, kienu marbutin b'bicca spaga jew habel irqiq u ghalhekk il-konkluzjoni tieghu huwa dak li ra b'ghajnejh u dak li rrizultalu mix-xhieda li sema'. Dawk li ma kinux marbutin ma kinux stabbli u appena tmisshom jinqalbu.

Dwar id-disinn o menu tal-lasti ma jista' jghid xejn ghax dawn gew lesti minn barra. Huwa ma ghamel l-ebda test xjentifiku biex jara x'*force* trid tintuza biex tigbed din il-lasta, pero' kkummenta li forza zghira minima bizzejjed, ghax appena messhom waqghu. Stqarr izda li ma wasalx ghal kemm il-kilo hemm bzonn bhala forza biex tinqaleb. *Specifications* ta' dawn il-lasti ma ghandux u qatt ma ra, spjega li hadd ma gabhomlu quddiemu. Ikkonferma li d-demm kien fil-lasta murija fir-ritratt markat dok J. Qal li l-ittra J murija fuq il-pjanta a fol. 28 tal-atti hija effettivament fejn kien hemm il-lasta in kwistjoni. Mistoqsi f'liema parti tal-wisa' tal-lasta kienet ir-roqgha demm spjega illi ma jafx, aktarx li kienet fin-nofs tal-lasta pero' b'certezza ma jistax jghid. Pero' dan tidher mill-ezami tar-ritratti mehuda mis-SOCO. Fil-fatt id-demm huwa muri fir-ritratt esebit fl-atti a fol. 60 BWC102 fin-nofs tal-lasta.

Il-perit ikkonkluda fir-relazzjoni tieghu a fol. 26 tal-inkjesta li kien hemm instabilita' fil-lasti lie meta wiehed imisshom dawn jinqalbu 'l quddiem. Qal li l-parti ta' quddiem, cioe' l-parti orizzonatali u z-zewg partijiet vertikali kienu tal-kanen ta' 3" hxuna u ghalhekk kienu tqal hafna u kif tmisshom facilment jinqalbu 'l quddiem. Kien ghalhekk mehtieg li jew dawn jitghabbew b'xi xkejjer bir-ramel jew jintrabtu. Qal li huwa tal-fehma li dan kellu jsir permezz ta' Katina mizmuma b'katnazz biex tigi eskluza l-possibilita li xi hadd ihollhom. Sostna li l-incident sehh ghax il-lasti ma kienux imrazzna sew fil-lok permezz ta' piz jew irbit u ma kien hemm hadd fuq il-post biex jara li l-irbit li kellhom ma jitnehhiex.

Illi l-**Perit Hector Zammit** xehed quddiem il-Perit Tekniku Richard Aquilina nhar l-14 ta Marzu 2013 disa' xhur wara li kien sehh l-

incident u qal li kien ser jiehu sehem f'*tournament* ta' *fund raising* ghall-istudenti ta' San Alwigi u De La Salle sabiex immorru Palermo jghinu lis-sorijiet ta' Mother Theresa. Qal li l-grawnd kien maqsum fi tliet (3) pitches u kien hemm sitt (6) lasti, w kienu qed jilaghbu *five-a-side*. Kull loghba dddum ghoxrin (20) minuta. Qal li laghab l-ewwel loghba u qaghad hemm bhala *spectator* ghat-tieni loghba. Jghid li waqt li kien qed ihares osserva li kull darba li kienet tintlaqat xi lasta, dik kienet titrieghed u anke ticcaqlaq. Qabel it-tielet loghba dehrlu li kien ahjar li jara jekk il-lasta kinitx marbuta biex jew jitfa' xi piz jew jorbotha. Appena mar u qabad il-parti orizzontali biex jara kinitx marbuta, gara xi haga u ma jiftakar xejn aktar. L-ahhar li jiftakar kien li kien qed ihares lejn is-sema u jzomm il-hadida, tella jdejh u ma kellux bzonn jixxabbat. Jaf li spicca l-ITU u ghamel zmien l-isptar.

Illi nhar l-14 ta' Ottubru, 2014 il-**Perit Hector Zammit** xehed fil-Qorti u spjega li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju, 2012 huwa kien gie mitlub jghin fil-gbir tal-fondi li kienu qed isiru ghal xi sorijiet ta' Mother Theresa gewwa l-Italja. Jiftakar li dakinhar gewwa x-Xaghra tal-Furjana kellu jsir xi loghob tal-futbol. Dakinhar jaf li huwa kien mar hemmhekk bhala *player*, laghab ghoxrin (20) minuta jilghab u ghattieni ghoxrin (20) minuta huma qaghdu fuq il-*ground* jistriehu biex jergghu jilaghbu l-ghoxrin (20) minuta ta' wara. Spjega li waqt li huwa kien qed jistrieh induna li l-lasti u cioe' il-*goal post* ma kinux marbuta sew ghaliex effettivament kienu qeghdin jiccaqilqu. Qal li dakinhar maghhom jilaghbu kien hemm ukoll zaghzagh, uhud minnhom taht l-eta'.

Spjega li meta gie biex jerga' jilghab it-tieni (2) loghba tieghu mar sabiex jiccekkja jekk effettivament il-lasta kinitx marbuta jew le. Spjega li huwa twil xi wiehed punt sebgha (1.7) metri u effettivament il-lasta ma kinitx aktar *minn zewg (2) metri distanza* minn mal-art. Spjega li effettivament meta huwa resaq vicin ta' din il-lasta huwa mar biex imissha biex jara effettivament x'irbit kellha u spjega li l-lasta waqghet fuq rasu. Minn dak 'il hin il-quddiem huwa ma jafx ezattament x'kien gara aktar. Jaf li spicca l-isptar. Aktar tard filghaxija dakinhar stess tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju huwa gie f'sensih. Kien tard filghaxija.

Mistoqsi jekk kienx hemm nies ohrajn fil-*ground* dakinhar apparti l-*players* spjega illi ma jidhirlux, ghalkemm m'huwiex cert minn dan. Spjega li peress li kienu qeghdin jilghabu il-loghob *five* (5)-*a-side* jista' jkun li t-*teams* l-ohra li ma kinux qed jilaghbu dak il-hin kienu *onlookers* fil-loghob taghhom. Mistoqsi jekk kienx hemm nies relatati mal-*ground* spjega li dwar dan ma jafx. Huwa ma jafx li kien hemm xi nies responsabbli ghall-grawnd dakinhar waqt li kien ghaddej il-loghob. Spjega li effettivament hu ghamel fl-ITU mill-Hadd 24 ta' Gunju, 2012 sas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju. Spjega li dak iz-zmien li huwa ghamel l-ITU kien hemm mumenti meta kien mitluf minn sensih u ohrajn meta gie f'tieghu. Effettivament spjega ukoll li kien ikun mimli dmija. Spjega li d-demm kien qed johrog kemm minn widnejh kif ukoll minn imniehru. Spjega li d-demm li kien ikollu f'halqu kien ikun niexef u ghalhekk halqu kien ikun imwahhal. Fil-fatt beda wkoll jara b'*double vision* u ma bediex jisma'. Huwa fil-fatt baqa' l-isptar sad-dsatax (19) ta' Lulju, 2012.

Spjega illi fil-fatt l-ahhar gurnata li ghamel l-ITU t-tobba xtaqu jaghmlulu *lumbar puncture* u dan sabiex il-likwidu li kien qed johrog mill-mohh johrog mill-ispina tieghu.

Spjega li effettivament dina kienet wahda mill-aghar esperjenzi ta' hajtu. Spjega illi n-nervituri bdew jigu milquta w beda jhoss xokkijiet f'dahru, fil-fatt it-tabib u n-*nurse* li kienu qeghdin jassistuh fil-posizzjoni li kellu mimduda f'hin minnhom kienu sahansitra anke poggewh bilqieghda u jaf ukoll illi waqt din il-procedura f'hin minnhom in-*nurse* gibdet l-attenzjoni tat-tabib li minn widnejh kienu hergin xi dmija. Fil-fatt il-procedura twaqqfet. Sussegwentement jaf li giet in-*neurosurgeon* u komplew b'din l-istess procedura.

Mistoqsi jekk ghadux ibati minn xi dizabilita', kkonferma li illum il-gurnata ghad ghandu problemi fis-smiegh kif ukoll ghandu problemi fil-vista tieghu ghaliex fl-angoli jara doppju u spjega li wkoll kellu *facial palsy* u spjega illi anke per ezempju jekk jimxi fix-xemx jibda johroglu hafna dmugh minn ghajnejh. Spjega li anke gieli bil-lejl iqum mahsud u jimtela' bil-bzieq fis-sens li huwa m'ghadux ihossu normali kif kien. Spjega illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru 2014 huwa ghamel operazzjoni f'widnejh tan-naha tax-xellug biex jipprova jirranga s-smiegh tieghu u spjega li minn informazzjoni li giet moghtija lilu mis-Surgeon Mr. Mario Said il-kanal ta' widnejh kien mifqugh u qed jipprova jerga' jtih il-forma lura kif kienet. Spjega li llum il-gurnata ghandu wgiegh kbir fil-gog fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu u gieli bil-kemm ikun jista' jiekol u llum il-gurnata dan il-gog huwa sensittiv, fis-sens li llum il-gurnata anke meta jkollu wgiegh ta' ras u jmiss rasu *ex admisses* jghid li "*he can pin point*" fejn hu l-ugiegh.

Spjega li fix-xedaq ghandu xi *plates* tal-metall. Mistoqsi jekk effettivament gewx intavolati xi proceduri civili spjega li sal-lum il-gurnata ittra ufficjali biss hemm. Ix-xhud esebixxi numru ta' ritratti l-ewwel wiehed gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument A u dana ritratt gie mehud ftit qabel l-accident in kwistjoni. It-tieni ritratt huwa ritratt tieghu waqt li huwa kien ghadu gewwa l-isptar u dan japplika ukoll ghat-tielet ritratt. Ir-raba' ritratt huwa ritratt ta' wiccu meta huwa kellu dil-*facial palsy*. Rigwardanti z-zewg ritratti sussegwenti u cioe' dawk immarkati bl-ittri ittra E u F spjega li dawn huma ritratti tieghu ukoll ir-ritratti markati F, G u H juru illi r-ritratti tieghu bil-*facial palsy*. Ir-ritratti markati I u J huma zewg (2) ritratti tal-*goal post* in kwisjtoni fejn effettivament jidher illi din ghadha tinsab fl-istess posizzjoni sal-lum il-gurnata. Ir-ritratti markati K u L huma zewg (2) ritratti li jindikaw ukoll in-*neglect* tal-istess *ground*. Spjega li r-ritratt L esebit fl-atti jindika wkoll l-*goal post* mghawweg minkejja li huwa *goal post* permanenti.

Esebixxa ukoll kopja tan-notamenti li huwa ghamel referenza ghalihom waqt ix-xhieda tieghu, u li l-Qorti mmarkat bhala dokument CSH. Esebixxa ukoll regolamenti mahruga mill-Fifa ta' kif ghandhom ikunu l-*goal posts* f'*football grounds*. Dawn qed jigu mmarkati bhala CSH1. Mistoqsi jekk effettivament dan il-*ground* inghatax b'xejn biex issir din l-attivita' tal-karita', spjega illi dwar dan ma jaf xejn. Huwa ma kienx wiehed mill-organizzaturi. Jaf biss li l-loghba li kien se jippartecipa fiha kienet qed tinzamm b'rizq il-karita'. Qal li huwa ma jafx jekk l-organizzaturi jhallsux jew le ghall-uzu ta' dan il-grawnd. Mistoqsi f'kemm-il bicca kien diviz dan il-grawnd spjega li jidhirlu li

kien hemm erbgha (4) bicciet b'hekk setghu jintlaghbu erba' (4) loghbiet u dawn huma l-lasti li kienu f'kull tarf ta' kull loghba.

Mistoqsi jekk il-grawnd in kwistjoni hux wiehed *full size* jew le spjega illi ma jahsibx u zgur li ma kienx *ground* ta' *five-a-side*. Spjega li effettivament kien hemm jew sitt (6) lasti jew tmienja (8). Fil-fatt jista' jkun li kien hemm xi lasti f'rokna li ma kinux qeghdin jintuzaw. Spjega illi dan ir-ritratt markat Dok. A gie mehud minn wiehed minn uliedu. Spjega li fir-ritratt markat A huwa jidher bhala *goaler*. Pero' spjega li l-lasta li huwa ra ticcaqqlaq, ma kinitx dik li huwa kien tahtha. Spjega li effettivament huwa kien qed ihares lejn il-loghba li kienet qed tinzamm f'dik il-parti tal-*ground* l-aktar vicin lejn il-Pheonicia. Spjega illi dahru kien lejn l-Education Department ihares ‘il quddiem. Mistoqsi liema lasta effettivament huwa ra ticcaqqlaq wiegeb li kienet il-lasta li kienet quddiemu aktar vicina lejn l-Education Department. Huwa pero' mar jilghab fil-*ground* f'dik il-parti tal-*ground* l-aktar boghod mill-Pheonicia jigifieri inti u thares in-naha tal-lemin tieghu. Ghalhekk spjega li l-lasta li laqtitu kienet dik ahharija fuq in-naha tal-lemin tieghu u ghalhekk spjega li l-lasta li huwa ra ticcaqqlaq u l-lasta murija fid-dokument A u l-lasta li effettivament waqghet fuqu huma tlett (3) lasti differenti. Il-lasta li effettivament spiccat waqghet fuqu hija dik murija fir-ritratt markati I u J li hija iktar il-boghod, bhalma indika hu. Il-lasta li waqghet fuqu huwa r-ritratt bl-ittra I. Spjega li kull loghba kellha tul ta' xi ghoxrin (20) minuta. Huwa kien jilghab mal-Hamrun fil-*premier* meta kien zghir.

Sostna li ma jaqbilx ma’ dak li qed jinghad lilu mill-Avukat Difensur illi fl-loghba massimu ta' disghin (90) minuta l-lasta tintlaqat darbtejn

biss. Spjega li l-lasti ta' *five-a-side* ikunu izghar minn dawk normali u ghalhekk hemm iktar cans li jintlaqtu. Ghalhekk peress li ghandha *surface area* izghar tkun iktar *close* mal-*goal keeper*. Mistoqsi kemm-il darba ntlaqtet il-lasta fil-loghba in kwistjoni spjega illi ma jafx. Spjega li huwa fix-xhieda principali tieghu spjega li ma kinitx soda bhala lasta ghaliex kull darba li ntlaqtet din bdiet titlef il-pozizzjoni taghha u ticcaqqlaq. Pero' ma jistax jghid kemm-il darba ntlaqtet ghax ma qaghadx jghodd. Izda sostna li dan kien bizzejjed biex lilu tah x'jifhem illi effettivament ma kinux installati tajjeb, ma kinux sodi. Peress li huwa Perit bhala professjonist konxju hafna minn kwistjonijiet tas-sigurta'. L-ahhar haga li jiftakar dirett mal-incident huwa li huwa kien qed ihares lejn is-sema, fil-fatt id-daqqa *per se* lanqas hassha.

Ix-xhud qal li naturalment biex jara jekk din il-lasta kinitx marbuta jew le huwa zammha mit-tarf taghha, fis-sens illi huwa mar zamm b'id wahda l-frame man-naha tal-genb u l-ohra mill-parti ta' fuq u ghelbet fuqu minnufih. Spjega li apparti li ma kinitx marbuta, anki d-*design* taghha kien hazin, ghaliex kieku ma kinitx teghleb hekk. Qal li l-intenzjoni tieghu kienet biex jekk jara li effettivament ma tkunx marbuta jaghmlu *counter weight* fuqha biex ma teghlibx, izda ma kellux ic-cans. Kompla jispjega li zamm il-lasta mill-genb b'id wahda u l-parti ta' fuq bl-id l-ohra, proprju biex ma jhallihiex teghleb, pero' naturalment messha biex ra jekk hix stabbli jew le.

Sostna li meta l-lasta waqghet fuqu, peress li kellha n-*netting, huwa* inqabad go fiha u ma baqax dritt. Qal li naturalment huwa pprova jcaqlaq il-*goal post* biex jara jekk hix marbuta jew le u kkummenta li din ma waqghetx ghax hares lejha biss. Spjega illi l-*goal post*

effettivament ghelbet u effettivament sar jaf li anke meta marru jorbtuha wara regghet waqghet fuqhom, pero' min qallu ezatt illum il-gurnata ma jiftakarx. Mistoqsi jekk il-lasta in kwistjoni nqalghatx, fis-sens il-*cross boards* mill-gnub taghha, wiegeb illi ma jafx ghax minn dak il-mument 'il quddiem intilef minn sensih. Spjega illi r-ritratt immarkat bl-ittra K esebit fl-atti, mhix il-lasta li effettivament waqghet fuqu, dik hija l-lasta principali permanenti. Zied li din ukoll hija mghawga w qed telgheb. Huwa ma hax dan ir-ritratt biex juri li effettivament waqghat. Huwa ma jafx effettivament jekk waqghatx jew le.

Illi nhar l-10 ta' Novembru, 2014 xehed **Dr. Mario Scerri** u spjega li huwa kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Joseph Apap Bologna b'digriet tieghu tal-erbgha (24) ta' Gunju, 2012 u dana sabiex jezamina lill-Perit Hector Zammit in konnessjoni ma' incident li sehh gewwa l-futbol grawnd, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana. Huwa fil-fatt kien ghamel l-inkarigu moghti lilu, u esebixxa quddiem l-istess Magistrat Inkwirenti ir-relazzjoni tieghu li tinsab inserita fl-atti a fol. tmienja (8) et sequitur tal-atti tal-inkjesta. Iddikjara li m'ghandu xejn xi jbiddel fil-konkluzjoni tieghu hemm imsemmija. Spjega li wara l-ezami li kien ghamel ai fini ta' din in-nomina huwa ma regax ezamina l-pazjent Perit Hector Zammit.

Illi **James Schembri** xehed fl-atti tal-inkjesta u qal *ex admisses* li dakinhar ta l-incident " ra paersuna iqabbad idejh mal-parti orizzontali ta' fuq tal-lasta u rajtu jaqa' bil-lasta ghal fuqu." Qal ukoll li wara l-incident hu ra xi nies jigbru il-lasta li kienet waqghet fuq il-persuna u wara li telaq kulhadd kien hu li rabatha fuq naha wahda. Qal li qabel ma rabatha, kif messha l-lasta waqghet fuq dahru.

In segwitu nhar l-10 ta' Novembru, 2014 **James Schembri** xehed viva voce u spjega li f'Gunju, tas-sena elfejn u tnax (2012) kien gie organizzat futbol *tournament* il-Furjana ghall-volontarjat. Il-fondi kienu sejrin ghas-sorijiet ta' Mother Theresa. Spjega li din kienet giet organizzata mig-Jesuit Youth Network. Spjega li huwa dakinhar kien qed jilghab il-futbol bhala volontarjat. Jiftakar illi l-*pitch* in kwistjoni gewwa Triq l-Assedju, il-Furjana kien maqsum fi tlieta (3) u hu kien se jibda jilghab it-tieni (2) loghba. Huwa kien se jilghab fuq il-*pitch* li kienet l-aktar vicin lejn l-Education Division u ghalhekk huwa kien hdejn il-lasta l-aktar qrib l-arena tal-Furjana. Qal li fil-boghod ra persuna zzomm ma' lasta u ra l-lasta taqa' lura fis-sens illi l-lasta waqghet ghal fuq dik il-persuna.

Mistoqsi min kienet il-persuna spjega li ma jafx u effettivament ma jistax jaghrafha lanqas. Mistoqsi jekk huwa jikkonfermax ix-xhieda li kien ta fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju, 2012 stqarr li peress li ghaddew sentejn u nofs ma jistax jikkonfermaha fit-totalita' taghha. Spjega pero' illi jiftakar li f'xi hin effettivament kienet waqghet lasta fuqu. Il-lasta in kwistjoni kienet tal-*aluminium* hafifa hafna, u zied jippreciza li jekk mhux *aluminium*, kienet ta' metall irqiq hafna u fuq il-parti ta' wara tal-lasta kien hemm qisu post fejn isserrah fejn suppost ikun hemm xi xkejjer tar-ramel jew xi piz iehor fuqha. Ikkonferma li pero' dakinhar ma kien hemm xejn minn dan, jigifieri l-lasta ma kinitx marbuta, fl-ebda stadju.

Illi nhar id-9 ta' Gunju, 2015 rega' xehed **James Schembri** u spjega li peress li din kienet kwistjoni volontarja, ma jkollokx bizzejjed nies u ghalhekk dakinhar tal-24 ta' Gunju, 2012 huwa kien qed jilghab ukoll.

Qal li huwa kien xi tletin (30) jew erbghin (40) metru 'l boghod minn fejn sehh l-incident, xi *two thirds* (2/3) mill-*ground*. Spjega illi l-*vista* tieghu hija tajba hafna u rah sew l-incident isehh. Ftakar li kien anke xehed fl-atti tal-inkjesta.

Mistoqsi jekk jiftakarx li huwa kien qal fl-atti tal-inkjesta li kien ra xi hadd jaqbad mall-parti orizzontali tal-lasta u din waqghat fuqu, spjega li illum il-gurnata ma jiftakarx. Huwa ra persuna li kienet qed izzomm mal-lasta. Jaf li effettivament il-parti ta' fuq tal-lasta waqghat, pero' ma jafx ezattament fejn kienet ras Zammet meta giet milquta. Spjega li fil-fatt il-vittma li ntlaqat bil-lasta kien bil-wieqfa f'nofsha. Mistoqsi jekk il-vittma kienx qed izomm b'id wahda jew bit-tnejn spjega li ma jiftakarx.

Illi nhar l-12 ta' Jannar, 2015 xehed **Robert Gatt** u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur fic-Centru Tekniku tal-Malta Football Association. Spjega illi huwa kien hareg dokument f'isem il-Malta Football Association ghac-centru tekniku u dana rigwardanti l-*festivals* u t-*tournaments* li jsiru fil-konfront tat-tfal iz-zghar. Dan sabiex ikun hemm uniformita' fir-regolamenti ghall-futbol ghal kulhadd. Zied jispjega li taht id-divizjoni maghruf bhala *health and safety* f'pagna sittax (16) hemm miktub illi l-*goal posts* iridu jkunu *tightly secured to the ground with pegs in grass* jekk ikun fuq il-haxix u *sandbags* fuq *artificial turf*.

Illi nhar l-12 ta' Frar, 2015 xehdet **Dr. Amanda Poole** ghan-nom u in rappresentanza tal-MFSA. Ix-xhud giet mitluba sabiex tesebixxi lista ta' min huma d-Diretturi tas-socjeta Green Investments Limited u

spjegat li mir-ricerka li ghamlet jirrizultalha illi *the present* Director huwa Anthony G. Zahra ID: 333045(M), ghalkemm zied li mid-dokumenti ma tistax tghid kemm effettivament ilu Direttur ta' din il-kumpanija. Kompliet li giet ukoll mitluba sabiex tixhed jekk il-*football ground* tax-Xaghra tal-Furjana huwiex proprjeta' ta' Green Investments Limited u spjegat li r-Registratur tal-MFSA ma ghandux din l-informazzjoni. Hija esebiet id-dokument relattivi ghat-tfittxija li ghamlet, li gew immarkati mill-Qorti bhala dokument MFSA u MFSA1.

Illi nhar it-12 ta' Marzu, 2015 regghet xehdet **Dr Amanda Poole** u kkonfermat illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju, 2012 id-Direttur tas-Socjeta' Green Investments Limited kien Anthony G. Zahra ID Card Number: 333045(M). Esebiet dokument relattiv, li l-Qorti mmarkat bhala dokument DA, minn fejn jirizulta li Zahra kien l-unika Direttur fil-kumpanija dakinhar u qatt ma kien hemm xi tibdil.

Illi nhar l-12 ta' Frar, 2015 xehed **Dr. Mario Said** u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Konsulent ENT gewwa l-isptar Mater Dei. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-Perit Hector Zammit huwiex pazjent tieghu spjega li effettivament illum il-gurnata sar pazjent tieghu u dan ghaliex kellu bzonn intervent sabiex jirkupra parti mis-smiegh li huwa kien tilef. Esebixxa rapport imhejji minnu li gie markat mill-Qorti bhala dokument MS u spjega li f'dan ir-rapport hemm summarju ta' dak li gie allegat minn Hector Zammit. Spjega li llum il-gurnata Hector Zammit ibati minn dizabilita' permanenti minhabba l-ferita li huwa kellu fl-incident li garrab. Spjega illi llum il-gurnata l-Perit Zammit ghandu nuqqas ta' smiegh, ghandu ukoll problemi ta' bilanc, ghandu problemi biex joghmod u sahansitra anke biex jitkellem.

Ghandu ukoll problemi ohrajn li huma daqsxejn suggettivi bhal perezempju *insomnia* w ugiegh ta' rasijiet. Spjega ukoll li ghandu paralizi parzjali tal-wicc.

Spjega dak kollu li kien gara, fis-sens illi kien waqa' *goal post* fuq wicc Hector Zammit u bhala rizultat ta' din il-waqgha kellu ftrattura fil-*cranium*, fil-bazi tal-*cranium* li rrizultat fil-paralizi fin-nervi kranici li kellu u ghalhekk dan jispjega li dak iz-zmien huwa kellu paralizi tal-moviment tal-ghajn, paralizi tal-wicc, *deficit* fis-smiegh u fil-bilanc. Kellu wkoll frattura tal-mandibola w tax-xedaq u ghalhekk kellu problemi li ma setax jiekol. Qal illi huwa fil-fatt kien ezaminah qabel is-sitta (6) ta' Gunju, 2014. Iddikjara li hafna minn dawn il-problemi kienu mmiljoraw ruhhom anke minhabba rizultat ta' interventi li saru, pero' zgur li mhux se jerga' jigi tajjeb mija fil-mija (100%) kif kien qabel, u ghalhekk il-percentwali li huwa rriskontra fir-rapport tieghu hija dik li rrizultalu wara l-miljoramenti li saru. Ikkonkluda li kif hemm imfisser fir-rapport tieghu, il-Perit Hector Zammit kellu dizabilita' globali tal-persuna tieghu fl-ammont ta' 29%.

Spjega illi l-ewwel darba li ezamina lil Hector Zammit kien bhala pazjent tal-isptar, pero' sussegwentement biex huwa hejja dan ir-rapport Zammit mar ghandu privatament. Mistoqsi jekk huwa kienx gie mitlub sabiex jaghmel *update* ta' dawn il-miljoramenti, wiegeb fin-negattiv. Qal li l-ahhar inkontru li huwa kellu ma' Hector Zammit, ma kienx relatat ma' dan ir-rapport, izda kien sar intervent sabiex itejjeb is-sitwazzjoni tieghu. Spjega li l-intervent li hu ghamel kien purament ghal-nuqqas tas-smiegh. Jidhirlu li l-ahhar intervent li sar kien f'Settembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014).Spjega li parti kbira min-nuqqas ta' smiegh ta' Hector Zammit hija permanenti ma jista' jsir xejn

dwarha. Zied li parti min-nuqqas tas-smiegh kien konduttiv, li tfisser li jista' jimpruvja, pero' ghad iridu jaraw kemm.

Illi nhar it-12 ta’ Frar, 2015 xehdet **WPS 250 Amanda Bunce** u spjegat li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju, 2012 hija kienet stazzjonata l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt, Valletta u ghall-habta tal-erbgha u kwart ta' wara nofsinhar (16:15) kienu gew nfurmati permezz ta' telefonata minn PC 1414 Glenn Mercieca li kien qieghed il-*ground* tal-*football* gewwa l-Furjana, fejn qalilhom li kien hemm persuna maskili li kien qed jilghab il-*football* u kienet waqghet lasta tal-*football* fuqu u li tali persuna kienet tinsab mitlufa minn sensiha u li effettivament l-ambulanza kienet diga' nfurmata u kienet fit-triq. Hija flimkien ma' PC 258 Mario Mallia u PC 59 Anthony Caruana marru minnufih fuq il-post fejn sabu diversi nies imdawrin fil-*ground*. Xehdet li wara li sabu persuna maskili mal-art wiccha l-isfel, b’hafna demm hiereg minn halqha w minn widnejha. Dan kien hdejn il-pitch numru tlieta (3) liema persuna kienet tinsab mitlufha minn sensiha. Spjegat illi ftit minuti wara waslet l-ambulanza fuq il-post, hadet il-vittma bl-ambulanza gewwa l-isptar ghal aktar kura.

Fuq il-post hija tkellmet ma' certu James Schembri li huwa wiehed mill-*organisers* tal-ghaqda Injigo, fejn spjegalha illi bhas-soltu fix-xahar ta' Lulju jghinu lit-tfal fqar u dakinhar kienu qeghdin jaghmlu *fund raising* sabiex jorganizzaw kamp gewwa Napli u kien ghal dan il-ghan li ddecidew li jaghmlu *tournament* tal-*football*. Ghall-habta tal-erbgha u ghaxra (16:10) ta' wara nofsinhar huwa kien ra lil din il-persuna, li dentifikah bhala Hector Zammit, b'wiccu jhares fid-direzzjoni lejn il-grawnd u ra l-lasta taqa' fuqu ghal fuq rasu. Qal ukoll

li dak il-hin kien hemm zewg (2) tobba prezenti, li wkoll kienu qeghdin jilaghbu, li taw l-assistenza medika taghhom lill-pazjent.

Ix-xhud kompliet tghid li marru jiccekkjaw l-imsemmija lasta. Qalet li filwaqt li l-lasti l-ohra kienu marbutin mal-*fence* permezz ta' habel, din il-lasta partikolari ma kinitx marbuta u x'hin messewha deher car li setghet telgheb. Tkellmu ukoll ma' Father Michael Bugeja li huwa wiehed mill-*organisers.* Dan qalilhom li ghall-habta tal-erbgha u nofs (16:30) u ghalhekk wara li kien sehh dan l-incident, ra lil xi persuna jorbot din il-lasta min-naha wahda biss. Tkellmu wkoll ma' Veronica Zammit, Matthew Said u Jonathan Borg li huma l-*organisers* u dawn qalulhom li ma kienu raw xejn.

Wara li telqu hafna nies mill-*ground,* ix-xhud tkellmet ukoll ma l-imputat Mark Piscopo. Dan qalilhom li huwa jmur volontarjament jiftah u jaghlaq il-*gate* u dakinhar kien mar ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart (14:45) u min-naha tieghu kien iccekkja l-lasti u kien ra li kollox kien kif suppost. Qal ukoll illi l-*ground* jiehu hsiebu wkoll Green Investments immexxija mid-Direttur Anthony Zahra minn Alpine House, San Gwann.

Tkellmet ukoll ma' David Saliba li huwa nkarigat mill-Health and Safety u meta staqsietu x'kien gara qalilha illi l-*ground* ma kienx jaqa' tahthom u inoltre l-vittma ma kienx jahdem *full time* bhala *footballer* u ghalhekk ma kellhom xejn x'jaqsmu mieghu. Ippruvat taghmel kuntatt ma' Bjorn Vassallo li jahdem mal-Malta Football Association, li pero' kien imsiefer. Ziedet li ghall-habta tal-hamsa u nofs (17:30) tal-istess jum kienet cemplet l-Emergenza biex tara kif kien baqa' l-pazjent, fejn giet infurmata li kien jinstab fil-periklu tal-mewt. Dak il-

hin infurmat lill-Ispettur Daniel Zammit li kien tal-ghassa, li min-naha tieghu nforma lill-Magistrat Apap Bologna u nfethet inkjesta relattiva fejn kienu gew mahtura l-Perit Richard Aquilina, it-Tabib Mario Scerri u PS 826 Matthew Parnis tas-SOCO.

Wara hija marret l-isptar Mater Dei, tkellmet ma' Dr. Josef Mifsud fejn infurmaha li Hector Zammit kien ser jittiehed l-ITU.

Spjegat li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju gew infurmati mill-isptar illi Hector Zammit kien gie riferut ghall-Neurosurgical Ward. Fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart (15:45) hija rrappurtat l-isptar, tkellmet ma' Hector Zammit fejn meta staqsietu x'kien gara qalilha li kien mar jiccekkja l-lasta, ghelbet fuqu u minn dak il-hin ‘il quddiem ma jafx aktar x'gara.

Murija l-okkorrenza esebita f'dawn l-atti spjegat li din hija l-okkorrenza relattiva ghall-incident in kwistjoni u tinsab inserita fl-atti a fol. tletin (30) tal-Process. Mistoqsija fi x'hin beda t-*tournament* dakinhar tal-incident spjegat li ma tafx.

Illi nhar id-9 ta’ Gunju, 2015 xehdet **WPS 250 Amanda Bunce** in kontro ezami u spjegat li kienet hi l-Ufficjal li hadet l-okkorrenza relattiva u gharfet l-istess okkorrenza . Mistoqsija meta tkellmet ma' James Schembri spjegat li tkellmet mieghu dakinhar stess fil-*ground* stess.

Illi nhar it-12 ta’ Marzu, 2015 xehed **PC 1414 Glen Mercieca** u spjega li jiftakar li kien l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju, 2012 ghall-habta tal-erbgha (4:00) l-erbgha u kwart (4:15) meta huwa kien

stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija l-Belt Valletta fejn huwa kien qed jiehu sehem f'*league* tal-*football* li kien organizzat mic-*Chaplaincy* tal-Universita' bil-ghan ghall-karita'. Fil-fatt kienu qeghdin jilaghbu u qabel ma bdiet it-tieni loghba lill-*goaler* li kien faccata tieghu [ghaliex hu ukoll kien *goaler],* li wara skopra li jismu Hector, rah mal-art gharkupptejh bid-demm hiereg minn halqu, widnejh u mniehru.

Qal li jekk mhux zbaljat, il-*ground* dakinhar kien maqsum fi tlieta. Mistoqsi jekk l-ewwel loghba ntlaghbitx fl-istess parti tal-*ground* fejn sehh l-incident spjega li ma jiftakarx, dan ghaliex il-loghob jalternawh bejn *ground* u iehor. Fil-fatt l-ewwel loghba li laghbu huma ma kinitx fl-istess *ground* li laghbu t-tieni wahda. Mistoqsi jekk hux it-tlett (3) *grounds* kienu qed jigu okkupati, spjega li ma jiftakarx, pero' ma jidhirlux. Mistoqsi kif effettivament spicca mal-art Hector Zammit, spjega li ra li kien hemm lasta mwaqqa' fuqu. Bl-ghajnuna ta' ohrajn huma tellghu il-lasta minn fuqu w fil-fatt kienu wzaw *sun shield* ta' karozza biex jghattuh mix-xemx. Spjega li dak il-hin dan Hector intilef minn sensih u kien cempel il-*Controll Room* biex jaqbdu l-ambulanza u cempel ukoll il-Pulizija tad-Distrett tal-Belt biex jigu fuq il-post.

Spejga li qabel ma gara l-incident inkwistjoni huwa ma qaghadx jivverifika u jiccekkja l-lasti, ma kienx ossessjonat daqs kemm hu llum. U spjega illi dakinhar wara l-incident, iccekkjaw il-lasti u ndunaw li tlieta (3) jew erbgha (4) mil- lasti li kien hemm kienu taparsi marbutin ghax kienu marbutin b'wiehed mill-izghar hbula li tista' ssib u dan ghaliex jekk inti taqbad u tigbed il-habel facilment kien jinqata' minn mal-*fence* jew jinhall. Lanqas ma kien hemm

xkejjer tar-ramel biex izommu l-lasta kif ikun hemm fi *grounds* ohrajn.

Mistoqsi jekk il-lasta kinitx marbuta qabel il-loghba jew le, wiegebli ma ccekkjax, pero' jaf li l-lasta tieghu rabatha hu. Fil-fatt qal li habel damu ma sabu w allura l-loghba damet ma bdiet. Zied li kieku ma rabathiex zgur li kienet tixxejjer mar-rih u assuma li kienet taqa' bhal dawk li ma kinux marbutin sew. Huwa kien responsabbli biss ghal-lasta tieghu u mhux ta' haddiehor u ghalhekk rabat tieghu biss. Spjega li meta qal li l-lasti taparsi marbutin, ried ifisser illi " *jekk inti tigbidha l-lasta tinqala'".*

Spjega illi fil-fatt dakinhar kien hemm ukoll persuna li dahal fil-*ground* b'katina f'idejh biex jaghlaq il-*ground* u dan beda jghid wahdu illi li gara kien zgur kwistjoni ta' traskuragni, cioe' li l-vittma gibidha ghal fuqu. Ix-xhud gharaf lill-persuna in kwistjoni bhala l-imputat Mark Piscopo u huma fil-fatt qalghu diskussjoni bejniethom ghaliex qalulu li la ma kienx hemmhekk ma setax jassumi li kienet kwistjoni ta' traskuragni. Zied li dan beda jitkellem hazin, ixejjer il-katina w keccihom 'il barra, qalihom 'morru l'hemm ja pstataz, imgienen dak probbabilment iddendel mal-lasta u qaghad jitkessah'.

Mistoqsi jekk huwa fil-fatt gibidx il-lasta dakinhar, qal li ma jiftakarx, pero' huwa normali li bhala *goaler* meta tkun qed tistreccja jew taghmel xi *training* isserrah mal-lasta. Ikkummenta li kemm ilu jilghab futbol qatt ma waqghet lasta. Iccara li huwa qatt ma qal li jiddendel mal-lasta, izda li jistreccja jew iserrah mal-lasta fis-sens illi sserrah dahrek mal-lasta biex tgholli saqajk. Fl-ebda hin ma qal li Zammit gibed il-lasta.

Illi nhar it-12 ta' Marzu, 2015 xehed **Robert Gatt** u mistoqsi jekk l-MFA taghmilx *checks* fuq il-*football grounds* spjega li ma jsirux pero' meta jaghtu permess biex jaghmlu *festivals* jew *tournament* huma jiktbu fil-permess specifiku sabiex wiehed mir-regolamenti l-*portable goal post* u cioe' dawk li ma jkunux imwahhlin mal-art iridu jkunu *tightly secured* jigifieri jew marbuta jew ikollhom is-*sand bags* fuqhom.

F'dawn it-*tournaments* hafna drabi jibaghtu l-istaff taghhom u gieli kien imur hu u jikkontrolla li dawn ir-regolamenti jigu osservati. Sostna li f'dan il-kaz dan ma kienx *tournament* li jaqa' tahthom u ghalhekk huwa ma marx. Mistoqsi mill-Qorti jekk dan il-*booklet* jitqassamx lil kulhadd jew ikunx accessibli fuq l-*internet*, spjega li kopja tieghu nghatat lil kull *nursery*. Spjega wkoll li kienu baghtu xi *pdf* u kull sitt (6) *xhur* jew *sebgha* (7) huwa jibghat *email* u fil-fatt ghandu l-kopji taghhom sabiex jissollecita' l-*clubs* isegwu dawn ir-regolamenti, li wahda minnhom hi li jorbtu l-*goal post* bhala *safety*.

Esebixxa kopji ta' dawn l-*emails* li l-Qorti mmarkat bhala dokument DA1. Spjega li huwa jibghat dawn l-*emails* lin-*nurseries* kollha ta' Malta. Zied pero' li huma ma ghandhomx x'jaqsmu ma' Green Investments Limited u ghalhekk ma baghtulhom l-ebda kopja.

Illi l-imputat kien xehed fl-atti tal-inkjesta *a tempo vergine* tal-investigazzjoni u kien spjega li dakinhar il-lasti kienu marbutin b'habel irqiq mea fetah il-pitch ghal habta tat-tlieta neqsin kwar (2.45 p.m.) Aktar tard Piscopo rrilaxxja wkoll stqarrija w dan nhar it-3 ta' Ottubru 2013, kwazi erba' xhur wara l-incident. Ikkonferma li s-

socjeta' Green Investments Limited li hija sid il-grawnd u huwa responsabbli ghall-ftuh u l-gheluq ta' dawn il-grawnds u sabiex jigbor il-flus dovuti ghall-uzu tal-grawnds. Spjega li huwa jkun jaf bil-hinijiet tal-loghob ghaliex is-segretarja ta' din l-istess socjeta' tibaghtlu e-mail bil-hinijiet propizji. Jghid li xoghlu hu li jara li kollox ikun *safe* qabel ma tibda xi loghba, w li wara l-loghba jigbor il-flus. Qal li jara li l-lasti jkunu marbutin tajjeb u zied jghid li 'issa hafna aktar minn qatt qabel'. Qal li dakinhar is-sur Zahra kien ta l-uzu tal-grawnd bhala *donation* ghaliex kienu ser jingabru xi flus ghall-fqar. Qal li huwa jressaq il-lasti biex ipoggihom f'posthom mal-linja. Qal li l-lasti jintrabtu minn zewg nahat b'habel li hu ftit ehxen minn lapes normali. Qal li jintrabtu min-naha ta' fuq. Pero zied jghid li 'illum jintrabtu b'katina wara l-incident'. Mistoqsi jekk kienx rabat il-lasti dakinhar tal-incident ighid li rabathom. Mistoqsi kif jispjega li l-lasti bdew jiccaqalqu, qal li ma jafx ghaliex telaq'l hemm. Qal li l-incident ma rahx, pero' kien hemm min qallu li ra li kien hemm ragel li ha girja w gibed il-lasta ghal fuqu billi ddendel maghha. Mistoqsi jekk kienx cert minn dan, wiegeb li le, izda hekk kienu qalulu. Mistoqsi jekk il-lasti jintrabtux minn mal-art qal li le ghaliex it-turf hu *synthetic* u ssirlu l-hsara. Zied jispjega li issa sar jorbot b'katina ghax aktar *safe*. Il-Katina tkun marbuta b'katnazz mal-*fencing* u b'ganc mal-lasta filwaqt li habel jista' jitmermer bix-xemx. Piscopo qal li sar jaf bl-incident ghaliex kien cempillu xi had, izda hu wasal wara li l-persuna ittiehdet bl-ambulanza.

Illi nhar il-15 ta' Ottubru, 2015 xehed l-**imputat Mark Piscopo viva voce** u spjega li huwa fil-fatt ghandu salarju ma' Green Investments u xoghlu huwa li jiftah il-*ground* li hemm il-Floriana, jara xi jkun hemm loghob u jqassam ix-xoghol u jiccekkja l-affarijiet. Tkun is-Segretarja

tal-kumpanija li tghidlu b'dan ix-xoghol. Ftakar li kif gie ssuggerit lilu minn Sue Borg, impjegata ta' Green Invetsments. Il-loghob fil-fatt kien maqsum fi tliet (3) bicciet. Spjega li l-grawnd huwa *five (5)-a-side* u jista' jigi *nine (9)-a- side*, anzi fil-fatt hemm tliet (3) *pitches*, li jinqasmu bil-purtiera. Hu jiccekkja li l-lasti huma marbutin f'posthom u l-loghob jibda. Ftakar li huwa kien irrilaxxa stqarrija lill-Ispettur Kylie Borg fil-bidu t'Ottubru, 2013. Fil-fatt gharaf din l-istqarrija esebita fl-atti a fol. 27 et sequitur u fuqha gharaf il-firma tieghu.

Jiftakar illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju, 2012 is-Sur Zahra qallu li kien se jkun hemm xi *tournament* f'dan is-sit u kienu se jingabru xi flus ghal xi fqar u fil-fatt Sue Borg kienet staqsietu jekk kienx lest li jithallas u jmur jiftah peress li kien jum il-Hadd. Fil-fatt kien qalilha illi una volta din kienet ser tkun attivita' ghall-karita', ma riedx flus pero' xorta kien lest li jmur jifthilhom. Fil-fatt huwa ma gabar l-ebda flus f'din l-attivita'.

Spjega li huwa fil-fatt fetah, kien sab persuna li hija responsabbli ghal din l-attivita', kienu vverifikaw iccekkjaw l-affarijiet flimkien. Mistoqsi min hi din il-persuna li kienet responsabbli, ammetta li llum ma jiftakarx. Huwa fil-fatt kellu jiftahlu l-katina, ihallilu l-katina bil-katnazz miftuh u mbaghad dik il-persuna taghlaq hi bil-katnazz. Ic-cwievet zammhom hu. Min kien responsabbli kellu jaghlaq biss bil-katina. L-imputat zied li fil-fatt iccekkja li l-lasti kienu marbutin u ra wkoll illi x-xbieki kienu maghluqin biex il-loghob isir b'mod separat. Huwa minnu li kien hemm sitt (6) lasti u huwa dawn iccekkjahom kollha, naturalment dawk li kienu ser jintuzaw.

Ikkonferma li dakinhar dawn is-sitt (6) lasti kienu lkoll marbuta. Ftit wara qalulu biex jiftah il-grada l-kbira ghax kien wegga’ xi hadd u kien hemm bzonn li tidhol ambulanza u mbaghad rega' mar fuq il-post. Spjega li fil-fatt il-pazjent kienu diga' haduh u ghalhekk l-ambulanza ma dahlitx fuq il-*pitch*. Kienu gabruh bl-istretcher. Ghalkemm il-pazjent kien diga' ttiehed lejn l-isptar, jaf li kien hemm id-demm f'nofs il-lasta li waqghet. Mistoqsi jekk il-lasti caqalquhomx, spjega li le, kienu lkoll f'posthom. Sostna li ma jafx li fil-fatt qatt waqghet xi lasta kemm ilhom hemmhekk.

Zied jispjega li meta wasal fuq il-post staqsa persuna kif effettivament kienet waqghet din il-lasta, pero' min kienet din il-persuna llum il-gurnata ma jiftakarx. Spjega li jahseb li dik il-persuna li kellmitu kienet persuna responsabbli hemmhekk, fis-sens li tiehu hsieb, anzi spjega li kienet liebsa *gear* tal-futbol, pero' x'jisimha din il-persuna ma jafx.

Stqarr li huwa minnu li meta l-Pulizija li xehed f'dawn il-proceduri kien mar fuq il-post tal-incident, beda jxejjer mal-lasti u jghid kliem: *"Dawn lasti? Dawn lasti?"* u hu qallu u “mela huma lasti”. Dak qallu “ara kif jaqghu” w hu wiegbu "*inti qed ittihom imma ma waqghux xorta*". Fil-fatt spjega wkoll illi ma kienx jaf li l-persuna li kellmitu dakinhar kienet Pulizija, sar jaf meta xehed il-Qorti.

Insista li dakinhar hu mar fuq il-post biex jara x'gara w ma marx biex ixejjer xi katini. Spjega li huwa jiehu hsieb li jsir is-*service* tal-*ground* sikwit, fis-sens illi jisservisjaw il-haxix, jihhuverjawh u jqajmuh. Il-haxix in kwistjoni huwa artificjali w ghalhekk hawn

magna apposta biex il-lasktu tieghu titfghu fin-nofs u tifirxu, w dan fil-fatt isir kull xahar.

Spjega li fil-fatt dawn il-lasti gew kollha rrangati w mibdula ricentement u spjega li ftit xhur qabel l-incident kienu tawhom *service*. Qal ukoll li fil-fatt is-Sur Zahra jqabbadhom ma' persuna biex jaghtu l-attenzjoni lil-lasti. Spjega ukoll li hadu hsieb ix-xbieki ta' madwar il-*ground*. Spjega li naturalment ma jkunx hu personalment li jisservisja dawn il-lasti, izda hemm kumpanija apposta.

L-imputat qal li huwa jahdem ukoll mal-Gvern bhala *security officer*. Huwa ma jafx ma' min tkellem fuq il-post u qatt ma kien jaf min hu.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjega li huwa kien prezenti ghas-seduti kollha. Jaf li apparti li xehed il-Pulizija f'dawn il-proceduri xehed ukoll xi hadd pajzan. Mistoqsi jekk hux normali li l-*pitch* jinqasam fi tlieta (3) spjega li dan isir skont il-loghob li se jintlaghab dakinhar. Spjega li fil-fatt il-*pitch* kien lest minn gurnata qabel dakinhar u kien hu li qasmu w ippreparah ghal dakinhar u dan ix-xoghol ghamlu wahdu u ghalhekk kien hu li pogga l-lasti fil-pozizzjoni li kienu sabiex il-Hadd jintlaghab il-loghob. Il-lasti jressaqhom il-quddiem biex ipoggihom mal-*line* u jkunu marbutin bil-habel billi jkunu marbutin bil-*fence* ta' wara l-lasta mal-*frame work* tal-lasta u dana min-naha ta' fuq ikunu marbutin b'habel. Qal li l-habel ikun ftit ehxen minn lapes u jkun hemm tnejn (2), wiehed fuq kull naha. Kompla li mal-art ma jista' jsir xejn ghaliex peress li jkun *synthetic turf* issirlu l-hsara. Inoltre qal li mal-art ma kien

hemm l-ebda protezzjoni w lanqas xkejjer tar-ramel u li qabel ix-xkejjer kienu juzawhom biex jaqsmu l-*pitches* mhux biex izommu l-lasti. Skont hu l-lasti kienu *safe* ghaliex kienu marbuta u ma kienx hemm lok li jitpoggew l-ixkejjer, ghalkemm zied li llum il-gurnata l-lasti jintrabtu b'katina. Huwa komnpla jghid li lilu qalulu li effettivament il-lasta ngibded u tqaccat il-habel u kien ghalhekk li ddecidew li llum juzaw il-katini biex jekk xi hadd jiddendel mal-lasta jkun aktar *safe*.

Qal li dakinhar huwa ccekkja s-sitt (6) lasti kollha, anzi spjega li fil-*ground* ikun hemm is-sitt (6) lasti tal-*five (5)-a-side* u zewg (2) lasti ohra tal-*eleven (11)-a-side* u dakinhar huwa ccekkja s-sitt (6) lasti. Stqarr li dakinhar fuq il-post ma halla lil hadd u li ghalkemm hu kien il-bniedem responsabbli, jaf li kien hemm wiehed mill-organizzaturi, ghaliex hekk kien il-ftehim. Zied jghid li l-lasti nbidlu ricentement xi xahrejn (2) ilu ghaliex kien wasal zmienhom.

Mistoqsi kemm kien hemm nies dakinhar tal-incident spjega li kien hemm hafna, kien hemm diversi nies jilghabu fuq it-tlett (3) *pitches*. Sostna li huwa m'ghandu l-ebda kuntratt li jghid dak li ghandu jaghmel jew ma jaghmilx mal-kumpanija MT Greens.

L-imputat **Anthony Zahra** xehed fl-atti tal-inkjesta fil-11 ta Lulju 2012 u kkonferma li hija s-socjeta' Green Investments li hadet hsieb tiffinanzja ix-xoghol li sar fil-grawnd u hija din is-socjeta' li qed tipprova tirkupra l-ispejjez li ghamlet. Qal li Mark Piscopop jiehu hsieb il-ftuh u gheluq tal-grawnd u sabiex jigbor il-flus. Qal li l-*goal posts* gabuhom minn barra w darba fix-xahar l-agent li gabhom

jaghmel *maintenance* taghhom. Zied jghid li huwa Piscopo li jiehu hsieb dak li jkun hemm bzonn u huwa il-*groundsman*.

**Anthony Zahra** ma xehedx *viva voce* fil-Qorti, kif kellu kull dritt li jaghmel, pero' kien irrilaxxja stqarrija fejn ikkonferma li huwa Direttur tas-socjeta' Green Investments Limited li tiehu hsieb il-*football pitch* tal-Furjana. Spjega li xoghlha hu li tiehu hsieb l-operat tal-*five-a-side syntethic pitch*. Qal li hemm kumpanija li tiehu hsieb il-*maintence* tas-*surface* ta' dan il-*pitch* darba kull tliet gimghat. Inoltre hemm kumpanija ohra li tiehu hsieb id-dawl u n-*netting* waqt li l-*maintenance* tal-*goal posts* issir mill-kumpanija stess li ssuppliethom maghrufa bhala Intersteel Fence Limited. Qal li kollox isir skond 'best practice'.

Spjega li Mark Piscopo huwa *in charge* tal-grawnd, fis-sens li jiftah u jaghlaq il-grawnd u jara li kollox ikun sew fis-sens li jkun hemm is-sinjali, jigbor il-flus u jara x'hemm bzonn isir. Mistoqsi kif kienu imwahhlin dawn il-*goal posts* wiegeb li kien ilu ma jinzel fil-grawnd ghal xi sentejn u ghalhekk ma jafx. Qal li dakinhar huma kien gew mitluba minn Jonathon Borg ghan-nom tal-University Chaplaincy sabiex juzaw il-*pitches* sabiex jaghmlu xi volontarjat billi jilaghbu l-futbol. Mistoqsi jekk kienx nizel fil-grawnd dakinhar, wiegeb li kien imsiefer. Mistoqsi jekk Mark Piscopo hux impjegat tas-socjeta' Green Investments Limited, qal li mhuwiex pero' jtuh xi flus ghall-inkonvenjenza. Qal ukoll li Piscopo jkollu jsib xi hadd biex jibdlu meta ma jkunx jista' jiftah il-*pitch* hu.

Illi nhar id-19 ta' Novembru, 2015 xehed **Dr. Hugh Peralta w** spjega li hu kien President tal-Floriana Football Club ghall-perjodu ta'

sentejn (2) li bdew fis-sena elfejn. Sussegwentement fis-sena elfejn (2000) huwa kien Chairman tal-*football nursery* tal-Floriana u ghadu jokkupa din il-kariga sa llum. Spjega li huma bhala *nursery* jaghmlu uzu mill-*five-a-side pitch* li hemm quddiem il-Pheonicia. Din pero' mhijiex proprjeta' tan-*nursery*.

Mill-informazzjoni li ghandu, fejn sehh l-incident f'Gunju, 2012 huwa l-istess *pitch* li jaghmlu uzu minnu huma. Huwa ma jaf bl-ebda incident iehor li sehh f'dan il-grawnd. Pero' wara li gie mitlub sabiex jixhed ghamel il-verifiki tieghu mal-kumitat tan-*nursery* u huma kkonfermawlu ukoll li apparti dan l-incident mertu tal-kawza odjerna ma semghu bl-ebda incident iehor. Mistoqsi jekk kienx hemm xi incidenti f'xi grawnds ohra spjega illi jiftakar li xi zmien ilu waqt li hu kien l-avukat tad-ditta taz-zejt Redding and Base jaf li kellhom incident tal-Amerika fejn tifel ta' dirigent kien iddendel ma' lasta, waqghet fuqu u wegga' serjament. Pero' fin-*nursery* in kwistjoni ma kienx hemm incidenti ohrajn.

Spjega illi membri fin-*nursery* hemm bejn mija u sittin (160) u mija u hamsa u sebghin (175) tifel tal-eta' minn hamsa (5) jew sitta (6) sa sbatax (17), pero' hemm uhud li ghandhom ukoll dsatax (19). Huma kienu wkoll responsabbli tal-minors u t-*training* taghhom isir dejjem f'dan il-post u jsir uzu minnu kuljum, mit-Tnejn sal-Gimgha bejn l-erbgha u nofs (4:30) u s-sebgha (7:00), is-Sibt filghodu u l-Hadd filghodu wkoll u xi kultant ikun hemm loghob li jigu organizzati mat-*teams* barranin, f'hinijiet ohrajn.

Mistoqsi jekk huwa qattx mar f'dan il-grawnd spjega li iva mar. Spjega li kemm ilu jokkupa l-kariga ta' chairman tan-*nursery,* huma

dejjem ghamlu uzu ta'dan il-grawnd bl-istess mod. Qal li jista' jghid b'certezza pero' li dan il-*pitch* gie uzat minn dejjem, cioe' minn meta nbena madwar is-sena 2005, u ghalhekk zgur li dak li qed jispjega illum kien japplika wkoll fl-2012. Kompla li ghalhekk meta jmur fil-grawnd jara li effettivament il-lasti jkunu posizzjonati u li x-xbiek ikunu f'posthom.

Kompla li jaf li llum zgur hemm katina li zzomm il-lasti f'posthom, pero' qabel kien hemm il-katina jaf li kien hemm xi spaga. Pero' meta dahlu in vigore li poggew l-ispaga u sussegwentement il-katina ma jistax jghid. L-impressjoni tieghu hija li dakinhar tal-incident kien hemm xi spaga jew katina, pero' mhwiex cert minn dan. Huwa spjega li jumejn qabel xehed mar fuq is-sit u pprova jcaqlaq il-lasti mill-genb izda ma rnexxilux. Il-lasti huma kollha tal-istess daqs u piz.

In segwitu' kkorega ruhu fis-sens li mhux spaga ried jghid li kien hemm imma habel tan-*nylon*, u dan kien jintuza anke qabel l-incident. Mistoqsi jekk jafx lil Anthony Zahra bhala rappresentant fil-kapacita' tieghu ta' Chairman tal-*club*, wiegeb illi jafu w dan ghaliex waqt li huwa kien President tal-Football Club fis-sena 2000 huwa kien ukoll membru fil-kumitat. Meta hu ma baqax President tal-Football Club tal-kbar jaf li Anthony Zahra sar President floku u effettivament kien grazzi ghal Zahra li sar il-*pitch* u dan billi kien hu li ha hsieb li kkrejah u ghamlu ghax qabel kien hemm hamrija u terrapien. Jaf ukoll li s-Sur Zahra jiehu hsieb il-*pitch* billi jkun hemm *regular maintenance* u l-grawnd jigi *grained*. Jaf li kien hemm darba fejn kien hemm *patch* fil-grawnd li giet mikula u regghet inbidlet.

Huwa ma jafx li l-*club* qatt kellu xi problemi dwar *maintenance* mas-Sur Zahra. Mistoqsi jekk jafx lill-imputat Mark Piscopo spjega li jafu peress li huwa Furjaniz u jghix il-Furjana u jhobb il-Furjana u jghin ukoll fin-*nursery*. Spjega li effettivament ilu jghin fin-*nursery* ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs bejn wiehed u iehor b'mod ufficjali kif ukoll mhux ufficjali. Jaf li kien hemm xi zmien meta kellu l-Bar tal-Furjana wkoll, pero' l-kumitat tal-kbar huwa differenti minn dak tan-*nursery* u fil-fehma taghhom huwa bniedem serju ghaliex kieku ma kienx jigi fil-kumitat. Problemi mieghu qatt ma kellhom lanqas.

Dwar Mark Piscopo spjega li huwa mqabbad ukoll mill-Malta Football Association mal-Premier Team. Filfatt huwa l-Kit Manager taghhom u jiehu hsieb tal-*kits* oltre affarijiet ohra. Huwa l-Kit Manager tat-*team* nazzjonali ta' Malta.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega li meta hu spjega li Mark Piscopo huwa Kit Manager, jiehu hsieb u huwa responsabbli ghal meta l-*players* taghhom imorru jilghabu biex jara li l-*kits* ma jintilfux, jahsilhom, jippreparahom sabiex meta jkun hemm il-loghba li tmiss ikunu f'posthom u lesti biex jergghu jintuzaw. Din hija wahda mill-affarijiet li jaghmel ghall-klabb u mal-MFA jaghmel l-istess haga. Qal li Piscopo sahansitra anke jsiefer barra. Fl-MFA l-Kit Manager ghandu lok importanti.

Kompla jghid li Mark Piscopo huwa wkoll membru tal-kumitat tan-*nursery*. Qal li naturalment hemm l-*administration* u dawn jiehdu hsieb li jifthu l-kmamar fix-Xaghra sabiex jigu t-tfal u l-genituri taghhom. I s-sur Piscopo flimkien ma' ohrajn jaghmel dan ukoll.

Ikkummenta li xi drabi s-sur Piscopo jibqa' fuq il-post u gieli le. Ix-xhud qal li jaf li hemm persuna ohra bl-isem ta' Neville li jaghmel xoghol simili ghalih. Effettivament dan huwa voluntier. Ix-xhud stqarr li fuq l-incident *per se* huwa ma jaf xejn.

Spjega li darba fil-gimgha huma jzommu kumitat. Is-soltu qabel il-kumitat imorru l-grawnd jarawhom jittrenjaw u anke xi kultant wara l-*meeting* u hu personalment gieli jkun hiereg mill-Belt u jinzel jarahom jittrenjaw. Mistoqsi ta' min hi r-responsabbilita' tal-grawnd spjega li huma qatt ma ghamlu definizzjoni dwar dan. Spjega li huma jaghmlu uzu tal-grawnd u ta' dan ihallsu l-Green Investments. Rigwardanti r-responsabbilita' ta' *maintenance* u hekk din hija f'idejn is-socjeta' Green Investments u effettivament hija l-istess socjeta' li tiehu hsieb l-andament tieghu.

Mistoqsi jekk hemmx xi *insurance* mahruga dwar l-uzu tal-grawnd spjega li n-*nursery* m'ghandhiex, pero' ma jafx jekk Green Investments ghandhiex jew le. Sostna li qatt ma kellhom l-okkazzjoni ghalfejn kellhom jaghmlu t-tali domanda. Mistoqsi jekk jaqbilx mal-Prosekuzzjoni li effettivament ma kienx hemm pizijiet fuq il-lasti fis-sena elfejn u tnax (2012), spjega illi le ma jaqbilx. Spjega li *pressopoco* dejjem kien ikun hemm *sand bags* u gieli anke hadid biex izommu l-lasta fis-sens ta' *rectangular pieces*.

Mistoqsi jekk hux minnu illi fil-gurnata tal-incident la kien hemm *sand bags* u lanqas *rectangular iron pads* spjega li ma jafx. Huwa bil-gurament tieghu ma jistax jghid x'kien hemm fit-12 ta' Gunju 2012. Mistoqsi min ipoggi dawn is-*sand bags* jew ir-*rectangular iron pads* jekk hux l-Green Investments jew il-kumitat spjega illi l-

kumitat *per se* zgur ma kienx jaghmilhom. Pero' min kien ikun hemmhekk kien jaghmilhom, per ezempju jew il-*coaches* jew xi hadd li jkun fil-grawnd, ma jafx. Dawn kienu jkunu vicin wara jew hdejn il-lasti.

Mistoqsi x'tip ta' *maintenance* taghmel Green Investments fir-rigward tal-*pitch* spjega illi jekk per ezempju jkun hemm xi qata' fin-*netting* jirrangawha. Jiehu hsieb ir-*rating* tal-grawnd, in generali l-andament tal-*pitch*.

Illi nhar it-12 ta' Jannar, 2016 xehdet l-Ispettur **Kylie Borg** u spjegat li huwa minnu li kien Spettur iehor li kien investiga l-kaz a tempo vergine, pero' minkejja dan hija wkoll tkellmet maz-zewg (2) imputati. Meta sehh l-incident hija kienet stazzjonata l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta. Dakinhar tal-ghassa kien hemm l-Ispettur Daniel Zammit. In segwitu' l-Ispettur Zammit kien gie *transferred* f'*rank* ohra tal-pulizija. Is-Supretendent Sandra Mamo dak iz-zmien kienet ghadha tiehu hsieb il-pulizija tal-Ghassa tal-Belt u kienet inkarigatha biex tiehu hsieb dan il-*file*.

Spjegat li meta hija hadet *over*, taf zgur li c-*charges* ma kinux hargu u taf li lanqas il-parte civile jew l-imputati ma kienu ghadhom gew mitkellma. Mistoqsija x'tip ta' investigazzjoni ghamlet waqt li l-inkjesta kienet ghadha miftuha spjegat li dak iz-zmien lanqas kienet ghadha taf bil-kaz. Hija giet involuta fil-kaz meta skond is-Supretendent Mamo ma kienux saru certu affarijiet fl-investigazzjoni li kien qed ihejji l-Ispettur Daniel Zammit u l-kaz gie mibghut ghandha.

Mistoqsija jekk kinitx fethet *file* gdid jew kompliet fuq il-*file* ga miftuh mill-kollega taghha, spjegat li ma tiftakarx onestament. Tiftakar li kienet rat il-PIRS report u fl-okkorrenza kien hemm ukoll miktub *update* fis-sens min kienu l-esperti nominati mill-Qorti. Is-Supretendent taghha kienet qaltilha illi l-*parte civile* ma kienx ghadu gie mitkellem u ghalhekk una volta illi l-investigazzjoni kienet ser tigi ghandha bdiet billi baghtet ghall-parte civile.

Mistoqsija jekk hija ghamlitx xi haga biex tidentifika n-nies li kienu prezenti waqt dan l-incident spjegat li dwar dak li kien ghamel l-Ispettur ta' qabilha ma tistax tghid, pero' hija kienet baghtet ir-rapport tal-pulizija, rat il-persuni kollha li kienu indikati f'dak l-istess rapport, ghamlet kuntatt maghhom u l-persuni li ddikjaraw li kienu raw xi haga hadet nota taghhom u sussegwentement ressqithom il-Qorti. Dawk li kienu prezenti pero' qalu li l-incident ma rawhx w'ghalhekk li ma kellhom l-ebda xhieda x'jaghtu la lilha, li ma kinitx prezenti fuq il-post, u lanqas lill-Qorti biex ituha dawl ta' dak li kien gara.  Hi ma ressqithomx biex jixhdu ghaliex hasset li kienet se tahli l-hin ta' kulhadd u ghalhekk illimitat ruhha fl-investigazzjoni taghha ghan-nies kollha msemmija fir-rapport.

Xehdet li jista' jkun li kienet ghamlet xi kuntatt ma' xi nies li gew indikati lilha wara li kienet tkellmet mal-parte civile. Anke hawnhekk, jekk in-nies li kienu gew indikati lilha mill-parte civile meta kellmithom qalulha li ma kienu raw xejn, ma ressqithomx il-Qorti. Li tista' tghid huwa li l-kaz kien gara f'Gunju, 2012 u hija kienet tkellmet mas-Sur Zahra fid-data indikata fl-istqarrija u cioe' f'Novembru tat-2013 u qabel kienet lehqet tkellmet mal-*parte civile*

u kienet tkellmet ukoll max-xhieda. Pero' d-data meta effettivament il-*file* kien gie moghti lilha, ma tistax tghid. Ghalhekk, ziedet, huwa minnu li minn meta sehh l-incident sa meta hija bdiet titkellem man-nies, kien ghadda ammont sostanzjali ta' zmien.

Ma rrizultalhiex li effettivament kien hemm xi xhieda ohra okulari tal-incident li ma telghux jixhdu l-Qorti. Hija ressqet lil kull min taf li effettivament kien ra xi haga konnessa mal-incident.

Illi nhar it-2 ta' Frar, 2016 xehdet **Sue Borg** u spjegat li hija tahdem bhala Personal Assistant tal-imputat Anthony Zahra. Mistoqsija jekk tafx b'dan l-incident li sehh gewwa l-Furjana spjegat li taf bih u dan peress li l-ghada li kien sehh l-incident kienet giet infurmata li gara dan l-incident fil-*ground* u jekk tiftakar sew kien attwalment l-imputat Mark Piscopo li kien cemplilha. Mistoqsija jekk hija tafx lil Mark Piscopo spjegat li taf li jiehu hsieb il-*ground*. Hija tiehu l-*bookings* imbaghad tgharraf lilu. Filfatt qalilha li kien sehh incident u kienet weggghet persuna. Filfatt Mark Piscopo qalilha li kien hemm persuna li kienet iddendlet mal-*goal post*, il-*goal post* waqghet fuqha u wegga'. Dan skont ma kien gie infurmat hu min-nies li kienu prezenti.

Effettivament in segwitu' kienu cemplu ghall-persuna li kien ghamel il-*booking* maghhom u staqsewh dwar dan l-incident. Filfatt is-Sur Zahra kien qalilha biex issegwi l-kaz u biex tara l-persuna mwegga' kif kienet. Spjegat li l-persuna ma' min tkellmet biex taghmel il-*booking* kien jisimha Jonathan Borg, pero' hi qatt ma ltaqghet mieghu u tkellmet mieghu fuq it-telefown biss. Spjegat li

effettivament il-*booking* haditu f'okkazzjoni wahda pero' wara taf li tkellmet mieghu xi erba' (4) jew hames (5) darbiet ohra. Taf li wara tkellmet mieghu biex tara kif kienet din il-persuna li weggghet. Spjegat li effettivament Jonathan Borg ma tantx ikkomunika maghha dwar dak li effettivament kien sehh fil-konfront ta' Hector Zammit, kien riservat meta bdiet tistaqsih fuq il-vittma. Effettivament spjegat ukoll li qalilha li ma kienx cert dwar dak li kien gara.

Il-Qorti zammet access fuq il-lok ta' l-incident u dan fil-25 ta' April 2016. Il-Magistrat giet murija l-*pitch* fejn sehh l-incident fejn korra l-*parte civile* il- Perit Hector Zamit. Gie innutat li d-demm instab 2.4 metres 'il barra min-nofs il-lasta. Il-Perit Aquilina li kien prezenti ghal dan l-access stqarr li kuntrarjament ghal dak li kien hemm fuq il-lok dakinhar tal-access, il-lasti ma nzammux bi ktajjen marbutin mal-hajt, izda nzammu biss b'habel irqiq hxuna ta' lapes. L-gholi tal-lasta hija 2.05 metri. Gie nnutat ukoll li l-parte civile ma setax jiftakar id-dinamika ta' l-incident u b'hekk ma setghatx issir *re-consruction* ta' dak li kien sehh dakinhar meta korra. Bejn ras il-*parte civile* meta jkun bil-wieqfa taht il-lasta w il-lasta orizzontali kien hemm distanza ta' xi tnax (12)-il pulzier.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi m'hemmx dubbju li l-incident sehh meta l-Perit Hector Zammit mar jilghab loghba football bhala volontarjat sabiex jingabru flejjes ghas-sorijiet ta' Madre Theresa sabiex fis-sajf tas-sena 2012 l-istudenti tal-iskola San Alwigi u Del La Salle ikunu jistghu imorru bihom Sqallija. Jirrizulta wkoll li fil-passat il-Perit kien jilghab il-football ukoll ghall-iskawadra tal-Hamrun, ghalhekk ilu jilghab zmien twil.

Jirrizulta li l-grawnd tal-Furjana dakinhar kien maqsum fi tliet grawnds tal-football u b'hekk kien hemm sitt lasti, tnejn f'kull grawnd. Jirrizulta wkoll li whud minn dawn il-lasti kienu marbutin bi spaga pero' l-lasta li waqghet fuq ras il-Perit Hector Zammit ma tidhirx li kienet marbuta.

Il-Perit kien qed jilghab f'wiehed minn dawn il-grawnds, dak l-iktar 'il gewwa. Laghab l-ewwel loghba u wara kien qed jsitrieh jara t-tieni loghba ghaddejja. Meta rega' messu biex jilghab innota li l-lasti kienu qed jitbandlu w ghalhekk meta mar f'postu bhala *goal keeper* u mess il-parti orizzontali tal-lasta, din waqghet fuqu. Hector zammit ma kienx f'posizzjoni jghid wisq x'gara ezatt, ghaliex wara li qala' d-daqqa fuq rasu sofra minn *amnesia* ghaliex ma kienx possibbli ghalih jirrakkonta bl-ezatt minn xiex kien ghadda. Fix-xhieda tieghu pero' *ex-admisses* jghid li "*meta huwa resaq vicin ta' din il-lasta huwa mar biex imissha biex jara effettivament x'irbit kellha u spjega li l-lasta waqghet fuq rasu. Minn dak 'il hin il-quddiem huwa ma jafx ezattament x'kien gara aktar, jaf li spicca l-isptar.*"

Pero' kien hemm xhud okulari, certu James Schembri, li ra persuna "jqabbad idejh mal-parti orizzontali ta' fuq tal-lasta u rajtu jaqa' bil-

lasta ghal fuqu." Jghid ukoll li wara li gabru l-lasta minn fuq il-persuna, kien hu li rabatha fuq naha wahda. Qal li qabel ma rabatha, kif messha l-lasta waqghet fuq dahru. WPC250 Amanda Bunce tghid li *a tempo vergine* tal-investigazzjoni hija tkellmet mal-Perit Hector Zammit u meta meta staqsietu x'kien gara *ex-admisses* tghid li dan qalilha "*li kien mar jiccekkja l-lasta, ghelbet fuqu u minn dak il-hin il-quddiem ma jafx aktar x'gara*". Dan jikkonferma li l-Perit kien konsistenti f'dak li xehed.

Dwar jekk il-lasta kinitx marbuta jew le din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti, dik esposta mill-imputat Mark Piscopo li jghid "*Fil-fatt iccekkjajt li l-lasti kienu marbutin u rajt ukoll illi x-xbieki kienu maghluqin biex il-loghob isir b'mod separat. Huwa minnu li kien hemm sitt (6) lasti u dawn iccekkjajthom kollha, naturalment dawk li kienu ser jintuzaw".*

L-imputat Piscopo jghid ukoll li "*Il-lasti ressaqhom 'il-quddiem biex ipoggihom mal-line u jkunu marbutin bil-habel billi jkunu marbutin bil-fence ta' wara l-lasta, mal-frame work tal-lasta u dana min-naha ta' fuq ikunu marbutin b'habel. Il-habel ftit ehxen mil-lapes u jkun hemm tnejn (2) wiehed minn kull naha. Mal-art ma tista' taghmel xejn ghaliex peress li jkun synthetic turf taghmillu l-hsara. Mal-art ma kien hemm ebda protezzjoni u lanqas xkejjer tar-ramel ma kien hemm dak iz-zmien. Qabel ix-xkejjer kienu juzawhom biex jaqsmu l-pitches mhux biex izommu l-lasti. L-ixkejjer inxtraw biex jaqsmu l-pitches. Il-lasti kienu safe ghaliex kienu marbuta u ma kienx hemm lok li jitpoggew l-ixkejjer. Illum il-gurnata l-lasti jintrabtu b'katina.*"

Cio' nonostante xhieda li kienu prezenti fuq il-post tal-incident jghidu l-oppost u cioe li l-lasti ma kienux kllha marbuta specjalment dik li waqghet li ma kellha l-ebda irbit. Hector Zammit spjega "*li dakinhar ma kien hemm xejn minn dan jigifieri l-lasta ma kinitx marbuta fl-ebda stadju*".

PC 1414 Glenn Mercieca jghid "*illi l-lasti dakinhar wara ccekkjawhom u ndunaw li mill-ghaxar (10) lasti li kien hemm kien hemm xi tlieta (3) jew erbgha (4) taparsi marbutin u kienu marbutin b'wiehed mill-izghar hbula li tista' ssib. Dan ghaliex jekk inti taqbad u tigbed il-lasta minkejja li tigbed il-habel facilment kien jinqata' minn mal-fence jew jinhall. Lanqas ma kien hemm xkejjer tar-ramel biex izommu l-lasta kif ikun hemm fi grounds ohrajn*".

WPC 250 Amanda Bunce tghid li "*Huma marru jiccekkjaw l-imsemmija lasta fejn filwaqt li l-lasti l-ohra kienu marbutin mal-fence permezz ta' habel din il-lasta partikolari ma kinitx marbuta u x'hin missewha dehret car li setghet teghleb.*"

Interessanti pero' ssir referenza ghal dak li qal l-espert tekniku nominat fl-inkjesta, w cioe' l-Perit Richard Aquilina f'dan ir-rigward spjega illi "*ra illi l-lasti li ma kinux marbuta u li ma kinux stabbli. Dawk li kienu marbutin, kienu marbutin b'bicca spaga jew habel irqiq u ghalhekk il-konkluzjoni tieghu huwa dak li ra b'ghajnejh u dak li rrizultalu mix-xhieda li sema'. Dawk li ma kinux marbutin ma kinux stabbli u appena tmisshom jinqalbu.*" Fil-fatt ikkonkluda billi qal "*li l-parti ta' quddiem cioe' l-parti orizzonatali u z-zewg partijiet vertikali kienu tal-kanen ta 3" hxuna u ghalhekk kienu tqal hafna u kif tmisshom facilment jinqalbu 'l quddiem. Kien ghalhekk mehtieg li jew*

*dawn jitghabbew b'xi xkejjer bir-ramel jew jintrabtu. Qal li huwa tal-fehma li dan kellu jsir permezz ta' Katina mizmuma b'katnazz biex tigi eskluza l-possibilita li xi hadd ihollhom. Sostna li l-incident sehh ghax il-lasti ma kienux imrazzna sew fil-lok permezz ta' piz jew irbit u ma kien hemm hadd fuq il-post biex jara li l-irbit li kellhom ma jitnehhiex".*

Illi ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-lasti zgur li dik il-lasta li waqghet fuq ras il-Perit Hector Zammit ma kienitx imwahhla kif imiss. Anke jekk in pessima ipotesi l-Qorti kellha temmen lil Mark Piscopo li kien rabat il-lasti kollha, jinghad li facilment bil-moviment tal-lasta setghet tinhall ir-rabta w b'hekk zgur li l-metodu sabiex jintrabtu dawn il-lasti ma kienx wiehed idoneju.

Illi dwar il-ferita li sofra l-Perit Hector Zammit il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal il-konsulent Oftalmologu Dr. Mario Said fir-rapport imhejji minnu mmarkat Dokument MS (fol. 96) fejn hemm summarju ta' dak li effettivament qed isofri minnu Hector Zammit. Spjega li llum il-gurnata Hector Zammit qed ibati minn dizabilita' permanenti ta' 29% u dan il-persentagg huwa bbazat fuq il-ferita li huwa kellu fl-incident li garrab. Illum il-gurnata l-Perit Zammit ghandu nuqqas ta' smiegh, ghandu wkoll problemi ta' bilanc, ghandu problemi biex joghmod u sahansitra anke biex jitkellem. Ghandu wkoll problemi ohrajn li huma daqsxejn suggettivi, bhal per ezempju *insomnia*, ugiegh ta' rasijiet. Ikkonferma wkoll li ghandu paralizi parzjali tal-wicc. Dr. Mario Scerri nominat mill-Qorti wkoll jiddeskrivi l-feriti li ssubixxa l-Perit Hector Zammit u dan wara li kien ezaminah ftit wara li kien sehh l-incident. Il-Qorti qeghda tikkunsidra dan ir-rapport biss fir-rigward tal-ezami mediku li huwa zamm fuq il-

pazjent u ghalhekk kwalsiasi fatt iehor li ghogbu jikkummenta dwaru mhux qed jinghata widen minn din il-Qorti, b'mod partikolari l-okkju tar-relazzjoni tieghu li "*Hector Zammit waqa' waqt li kien qieghed jitbandal mal-lasta tal-goaler fil-ground tal-football*". Jinghad li r-relazzjoni tieghu kellha tigi nserita fl-inkjesta ntitolata "*Accident fil-Floriana Football Training grounds, fejn wegga' u jinsab fil-perikolu tal-mewt Hector Zammit skond rapport tal-pulizija tal-24 ta' Gunju 2012*". Dan l-espert ma kellu l-ebda inkarigu sabiex jistabilixxi x'kienet il-kawza tal-incident izda kellu inkarigu sabiex jezamina lil-ferut u jiddeskrivi l-feriti li huwa ssubixxa u jghid ma xiex kienu kompatibbli. Ghalhekk il-konkluzjoni tieghu li l-feriti li kellu Hector Zammit kif deskritti fir-relazzjoni tieghu huma kompatibbli ma' *blunt trauma*, hija r-rizultat li trid tara din il-Qorti.

Ghalhekk sa issa il-Qorti rat bhala fatti li effettivament Hector Zammit kien involut f'incident nhar l-24 ta' Gunju 2012 fil-grawnd tal-Floriana fejn korra gravi tant li llum qed isofri minn debilita' permanenti. Dwar dan pero' ser issir referenza aktar 'il quddiem ukoll.

L-imputati fil-vesti taghhom personali gew akkuzati talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkagunaw offiza ta' natura gravi u kkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem u/jew gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' Hector Zammit.

Illi l-Qorti trid tara allura jekk f'dan il-kaz l-incident sehhx b'negligenza u nuqqas ta' attenzjoni jew tharis tar-regolamenti da parti ta'l-imputati u dan fil-vesti taghhom personali.

Illi kif jispjega l-gurista **Francesco Antolisei**:

"*A noi sembra che per comprendere la vera essenza della colpa bisogna considerare che nella vita sociale si verificano spesso situazioni nelle quali da una attivita` diretta ad uno scopo possono derivare conseguenze dannose per i terzi. L'esperienza comune o tecnica, cioe` propria di tutti gli uomini o di una categoria di persone che esplicano una particolare attivita`, insegna che in questi casi bisogna usare determinate precauzioni, onde evitare che gli interessi altrui siano pregiudicati. Sorgono per tal modo delle regola di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e` tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita`, pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita`, piu` o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e` possibile, conseguenze nocive per i terzi. Cosi` all'imprenditore di lavori che apre una buca in una pubblica via e` prescritto di collocare certi segnali. Il reato colposo nasce sempre e soltando dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero cosi` formulato, e` la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche` nel reato doloso il giudice rimprovera il reo di avere voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo` muoversi*

*all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dale autorita` allo scopo di prevenire eventi dannosi ......la nota concettuale della colpa e` data dalla imprudenza o negligenza. Il suo carattere essenziale consiste, in altri termini, nella inosservanza di precauzioni doverose*."[1]

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli**[2], il-kompjant Imhallef Flores stqarr:

"*Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art.239 (illum 225) tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb f'("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannus involontarju;*

*"Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant ihallieh fl-istess hin liberu li jivaluta d-diligenza tal-kaz konkret.*

[1] Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre` (Milano) 1989, para. 133, pp. 322-323.
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appellil Kriminali fl-erbgha ta' Frar, 1961

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione"* [3]*;*

Illi l-gurisprudenza izzid ukoll illi ma’ dawn l-elementi irid ikun hemm necessarjament l-element ta’ preveddibilita’ u cioe’ illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b’diligenza tant illi b’tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista’ isehh l-event dannuz. Illi **Francesco Antolisei**, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghid hekk:

*"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: “La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevediblli del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta’ nella prevedibilita'."*

Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Grech**[4] ,gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti f’illi persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta’ ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti f’illi wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu

[3] (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, 11,27 , p. 46).
[4] Deciza fil-21 ta Marzu 1996.

abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta.

Illi, kif jispjega **Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu, il-ligi ma taghtix definizzjoni tal-frazijiet "*nuqqas ta'hsieb*", "*traskuragni*" u "*nuqqas ta' hila*" izda "*it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances*."

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Leonard Grech**[5] dik il-Qorti dahlet fid-dettal dwar n-natura tal-kolpa f'dawn il-kazi.

*"In succint fuq skorta ta' awturi il-gurisprudenza citata, t-trepied tal-kolpa gie definit bhala:*

*a. la volontarieta del'atto;*
*b. la mancata previsione dell'effetto nocivo;*
*c. la possibilita di prevedere."*

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Attard et**[6]:

*"In materja t'omicidju kolpuz,(u ghalhekk anke ghal feriti involontarji ta' natrua gravi) kwalunkwe tentattiv biex jigi o meno stabbilit jekk persuna hix awtomatikament ezenta mir-responsabbilita'*

[5] Deciza mill Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Settembru, 1990
[6] Deciza mill Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Jannar 1983.

*penali semplicement minhabba l-kwalita' taghha, jkun ezercizzju li l-ligi stess, bit-terminologija wzata ma tridx li jsir. L-ezercizzju li l-ligi taghna timponi, huwa biss l-ezami tal-operat tal-imputat li jkun biex jigi stabbilit kienx hemm da parti tieghu, xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni li tkkwalifika taht in-nuqqasijiet elenkati fl-artikolu 225(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jekk dan in-nuqqas kienx kawza, anke jekk mhux l-unika wahda, tal-event dannuz."*

Id-definizzjoni klassika tal-'Colpa Criminale', tibqa' dik moghtija mill-**Carrara**[7] b'dan il-kliem:

"*La volontaria ommissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibli e' prevedibbli del proprio fatto*" .

Id-definizzjoni tal-**Crivellari** [8]hi bazata fuq l-istess postulati u hi din:
*"La colpa e' la volontaria mancanza di previsione delle conseguenze prevedibbli del proprio atto."*

Fis-sentenza li nghatat fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Vella**[9] inghad li:-

*"Tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa jibqa' dejjem illi l-elementi taghha huma volontarjeta' tal-atti w in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilita' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi li ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setghux ikunu prevedibbli hlief d-diligenza straordinarja, il-ligi ma tezigix u li se mai tista' ggib kolpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija."*

---

[7] Vol 1 pt. Generale - para 8 pg. 114.
[8] Codice Penale - Vol I pagna 228, para. 32.
[9] Deciza mill- Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Frar 1958.

Gie rilevat ukoll fis-sentenza **Damato v Camilleri**[10] li:

*"Il-kolpa fil-kaz ta' fatt dannuz, li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att voluntarju u jonqos li jipprevedi l-effetti dannuzi ta' dawk il-fatti li seta' jipprevedi dawk l-effetti. Il-prevedibilita', bhala distinta mill-previzjoni, sservi biex tiddetermina l-kolpa mid-dolo w il-konkors taghha jiddifferenzja l-kolpa mill-kaz fortuwitu li hu kostitwit minn att imprevedibbli w inevitabbli."*

Punt iehor interessanti u relatat ma' dan il-kwistjoni hu, dak trattat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jason Friggieri**[11], fejn gie ritenut li:

*"Fil-kamp ta' reati nvoluntarji, il-fatt li persuna tkun traskurata f'mumenti qabel incident, ma jfissirx li kien traskurat meta jigri l-fatt. Dak li l-prosekuzzjoni trid tipprova f'kaz ta' reat involuntarju hu, li tirrikorri kondotta voluntarja negligenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita minn event dannuz involuntarju."*

Illi minn dina l-gabra ta' dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk is-segwenti elementi essenzjali li jridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta' natura involontarja:

1. azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u nonkuranti.
2. ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuz.
3. l-element tal-prevedibilita'.

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Marzu 1958.
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Lulju 1995.

**Ikkunsidrat.**

Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputati:

1. kienux negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir taghhom .
2. jekk dan jirrizulta, jekk kienx hemm ness bejn dan l-agir taghhom u l-event dannuz.
3. jekk il-hsara kienitx wahda prevedibbli.

Il-Qorti ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat in ezami, w cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' tar-reat li bih gew akkuzati l-imputati.

L-Artikolu 225 tal-Kap. 9 jiddisponi s-segwenti:

"*Kull minn b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd ...*"

u l-Artikolu 226(1) tal-Kap. 9 jkompli jghid:

"*jekk minhabba l-fatti msemmija fl-ahhar artikolu qabel dan issir offiza fuq il-persuna, l-akkuzat, meta jinsab hati jehel…*"

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan ir-reat, li huma bazikament tlieta w cioe:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;
2. kkagunaw ferita gravi;
3. fuq il-persuna ta’ Hector Zammit.

Jinghad *ab initio* illi mhux kull incident li jigri ifisser li xi hadd kien negligenti jew traskurat, izda l-Qorti trid tara jekk il-fatturi ambjentali kienux tali li wasslu sabiex isehh incident minhabba l-imperizja jew negligenza li kienet ticcirkonda tali sitwazjoni. Incident jista’ jigri kemm ghax ikun ikkagunat mill-vitma stess b'xi inkonsulta jew imprudenza da parti tieghu, bhal per ezempju li jonqos li juza xi hwejjeg protettivi li huma importanti, jew li jiddeciedi li jaqsam triq minghajr ma jiehu l prekawzjonijiet mehtiega.

Mill-banda l-ohra, kulhadd huwa mistenni li jiehu hsieb tieghu nnifsu u <u>fejn jara il-perikolu attwali joqghod attent u jzomm lura</u>. Jekk tara piz kbir niezel u ma twarrabx lilek nnifsek minn tahtu jew ma tnehhix idejk minn tahtu, imbaghad tinqabad tahtu, trid tirrispondi ghal dak li gibt b'idejk. L-istess ma jkunx applikabbli pero’ kieku dak il-piz jinzel fuqek ghaliex jinqala *cable* ta' *crane* minhabba nuqqas ta' manutenzjoni da parti ta' min ihaddmu. Insomma kull kaz ghandu l-fatti specie tieghu u fl-investigazzjoni hemm bzonn li jigi determinat ir-raguni ghaliex sehh l-event dannuz.

**Antolisei** fil-manwal tieghu ***Diritto Penale*** jghid li "*l'esistenza della colpa dev'essere provato di volta in volta - e tale principio non subisce eccezioni*."

Skond il-ktieb Trattato di Diritto Penale Italiano tal-**Manzini**[12] jinghad li "*l'imprudenza comprenda la prevedibilita' della conseguenza dannosa, e il colpevole e' chiamato responsabile in quale non ha previsto cio' che poteva prevedere."*

**Manzini** fil-ktieb tieghu fuq imsemmi fil-fatt jaghti ezempju fejn jghid li jekk bniedem jinzel minn fuq *train* waqt li jkun miexi u jmut, it-tort ma jkunx tas-sewwieq li ghandu l-obbligu li jara li l-bibien jinzammu maghluqa, izda ta' dak li nizel minn fuqu waqt li kien ghaddej u miet. Jghid ukoll li biex tara min ikkaguna d-dulur, trid l-ewwel tara min ghandu l-*colpa*, fejn jinghad "*Se fu' la vittima che inizia il processo causale dell'evento tenendo una condotta illecita e ove senza tale condotta l'evento presumibilmente non si sarebbe potuto verificare a danno di lei o di altri, la condotta contraria alla polizia posteriormente tenuta da terzi diviene un elemento superfluo rispetto all'evento di cui si tratta - non vi sara' pertanto delitto colposo da parte del terzo.*"

Meta si tratta ta' *colpa* huwa mportanti li jigi ppruvat in-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista' jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li tista' tirrizulta *culpa*.

[12] Fol. 804.

Kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri**[13] per Imhallef Harding li:

"*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist.*"

Fil-fatt ikompli jghid:

"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*"

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commentario al Codice Penale Italiano***[14] jghid:

"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Fil-fehma ta' din il-Qorti il-kolpa tista' tikkonsisti anke f'imprudenza b'mod li min jikkommetti atti imprudenti, avolja huwa ma riedx jaghmel haga ohra hlief dawk l-atti u ma pprevediex li dak l-att seta' jkollu konsegwenzi koroh, huwa jibqa' fi htija ghax seta' jipprevedi

[13] Deciz mill-Qorti ta l-Appeli Kriminali nhar is-17 ta' Mejju, 1948.
[14] Vol III, 1622, pg. 286.

dawk il-konsegwenzi. S'intendi, imbaghad fil-kolpa hemm dejjem gradazzjonijiet mizurabbli ghas-sekonda tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz li jinfluwixxu fuq l-applikazzjoni tal-piena.

Punt iehor interessanti u relatat ma' din il-kwistjoni hu dak trattat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jason Friggieri**[15], fejn gie ritenut li:

*"Fil-kamp ta' reati nvoluntarji, il-fatt li persuna tkun traskurata f'mumenti qabel incident, ma jfissirx li kien traskurat meta jigri l-fatt. Dak li l-Prosekuzzjoni trid tipprova f'kaz ta' reat involuntarju, hu li tirrikorri kondotta voluntarja negligenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involuntarju."*

Illi ghalhekk dan igibna ghal fati specie tal-kaz in desamina u cioe' jekk dak li ghamlu l-imputati hix kondotta volontarja negligenti li wasslet ghall-incident fejn fih korra b'mod permanenti Hector Zammit.

Fl-ewwel lok hemm certu principji generali li din il-Qorti trid tissottolineja in vista tat-trattazzjoni li hija semghet f'dan il-kaz.

1. Fl-ewwl lok il-Prosekuzzjoni trid tressaq il-provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputati huma veri u dan ghaliex, kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890:-

[15] Deciz mill- *Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Lulju 1995*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa ghalhekk il-kompitu' ta' din il-Qorti li tezamina x-xhieda w il-provi prodotti, sabiex tara jekk l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputati mill-Prosekuzzjoni, gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-Ligi.

Bizzejjed jigi mfakkar dak li jiddisponi **l-Artikolu 638** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

"*Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*

*B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar*".

2. Il-Partijiet huma obbligati li jresqu l-ahjar provi li jidhrilhom necessarju ghal kaz in desamina.

Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs John Farrugia</u>**[16] il-Qorti sostniet li:

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Ottubru 1998.

*"Fil-proċess kriminali kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll l-akkużat ghandhom mhux biss id-dritt li jġibu provi iżda li jiregolaw huma xi provi jġibu. S'intendi jridu jiġu osservati r-regoli ta' proċedura relattiva għal produzzjoni ta' provi. Fost dawn jinkombi fuq min iġib prova li dik il-prova tkun l-aħjar prova; infatti l-artikolu 63(1) tal-Kap 12 jistabbilixxi li bħala regola għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċjenti illi l-każ jkun jagħti u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xhieda tiegħu tkun importanti... l-Artikolu 558 tal-kodici kriminali tipprovdi illi l-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li issirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib u bl-artikolu 559(9) ta' l-istess kodiċi tal-Qorti għandha tiċħad li tinġieb kull prova li jidrilha li mhix l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.*[17]

3. Illi l-mizura tar-regolarita' o meno ta' konfessjoni tal-imputat jew akkuzat hija dik stabbilita mill-Artikoli 658 sa 661 tal-Kodici Kriminali. Illi huwa ghalhekk pacifiku li:

"*tista tittiehed bi prova kontra min ikun stqarr kemm-il darba jinsab li din l-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza' jew b'weghdiet jew bit-twebbil.*"

In oltre

*"Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha,u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra".*

[17] Ibid artikolu 634(1).

Illi fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulziija v James Gulliamier'**[18] gie wkoll konfermat li:

"*dak li jkun stqarr l-interrogat fl-istqarrija tieghu huwa ammissibbli bhala prova favur jew kontra fil-konfront tieghu purke li din l-istqarrija tkun giet mehuda volontarjament u ma tkunx vizzjata b'xi difetti msemmija fl-Artikolu 658 tal-Kap 9*."

Illi tali rigorozita' ghalhekk tikkostringi lill-Gudikant li jeskludi kwalunkwe evidenza mhux kolpita b'dan il-mod biex b'hekk mhux biss tirrivendika imputat li jkun sottomess ghall-proceduri odjuzi ta' natura kriminali unikament fuq din il-bazi, izda wkoll biex taghti messagg car lill-*forza pubblika* biex fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet u libertajiet tal-individwu espressament sanciti fl-ordinament guridiku Malti.

Illi jigi rilevat li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi kif inhu ben saput, sabiex persuna tinstab hatja ta' reat, il-Prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-kaz taghha

18

minghajr dubbju dettat mir-raguni, dubbju li ma jhallix lill-gudikant ikollu dik il-konvinzjoni morali dwar ir-responsabbilita' kriminali tal-persuna akkuzata. Dubbju li minhabba fih, min ghandu jiddeciedi, ma jistax jiddeciedi la naha w lanqas ohra. Huwa l-akkuzat, li bil-ligi m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, imsahhah bil-presunzjoni tal-innocenza, li jista' jasal sal-grad tal-probabbilita'.

5. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant. [Vide **Il-Pulizija v Paul Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Marzu 2000].

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Jannar 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seisun** fejn gie dikjarat li "*huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma hafna drabi aktar importanti mill-provi diretti, izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci*".

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[19] b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen [1952]** jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil Cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more*

[19] 1997 Edition, para. 10.

*obvious in the former than in the latter, for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only, because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**[20], fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzati mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzati biss, li huma l-hatja u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza taghhom.

Ghalhekk in vista tas-suesposti enuncjazzjonijiet din il-Qorti sejra issa tiddiskuti l-kaz odjern. Jinghad li s-sitwazzjoni taz-zewg imputati mhix l-istess u dan kif ser jigi mfisser mill-Qorti aktar ‘il quddiem.

L-imputat Anthony Zahra gie akkuzat fil-vesti tieghu personali li kkaguna ferita gravi involontarja fuq il-persuna ta’ Hector Zammit u dan minhabba imperizja negligenza u non ossevanza tar-regolamenti. F’dan ir-rigward id-difiza sostniet li l-imputat personalment m’ghandux x’jaqsam mal-incident izda semmai messu gie imharrek

[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Gunju, 1998.

fil-vesti tieghu ta' Direttur ta-socjeta' Green Investments Limited. Jirrizulta mill-provi u dan mhux kontestat li l-art fejn kienu qed isiru l-loghob tappartjeni lis-socjeta' Green Investments Limited kif del resto stqarr Anthony Zahra stess fl-istqarrija tieghu. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Dr. Amanda Poole li xehdet ghan-nom u in rappresentanza tal-MFSA li Anthony Zahra huwa Direttur tas-socjeta' Green Investments Limited. Illi hija s-socjeta' Green Investments Limited li hija responsabbli ghall-operat ta' dan il-grawnd. L-imputat personalment m'ghandu x'jaqsam xejn. Kien imsiefer meta sehh l-incident u ghalhekk zgur li ma kienx *on site* u lanqas ma seta' jara kif sehh l-incident. Is-socjeta' Green Investments Limited kienet qabbdet lill-ko-akkuzat Mark Piscopo sabiex jiehu hsieb dawn il-grawnds kif del resto jikkonferma l-istess Mark Piscopo. Jirrizulta effettivament li dakinhar Mark Piscopo kien mar fil-grawnd qabel il-loghob biex jipprepara il-grawnd u dan fuq struzzjonijiet moghtija lilu mis-segretarja tas-socjeta' Green Investments Limited u cioe' minn Sue Borg. Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi ma thossx li huwa jista' jinzamm responsabbli.

Jirrizulta, w mhux kontestat li effettivament Mark Piscopo huwa bniedem involut hafna fil-football tant li jiehu hsieb in-*nursery* tal-Furjana, huwa *kit manager* tal-MFA u jkun prezenti ghal hafna mil-loghob. Tant li anke dakinhar li kellu jintlaghab dan il-loghob, volontarjament kien mar ra li l-lasti kienu mal-*line* u jghid li kienu marbutin, fetah il-grawnd u telaq 'l hemm. Jghid pero' li xkejjer tar-ramel mal-art fuq il-lasti ma jaghmlux biex ma jirrovinawx is-*synthetic turf* u jorbot il-lasti b'habel irqiq u li illum il-gurnata pero' jorbothom b'katina biex ikunu aktar *safe*.

Illi ghar-rigward tar-responsabbilta' personali tal-imputat Anthony Zahra ghall-incident fejn Hector Zammit wegga' gravament, jintqal mill-ewwel li skond l-Artikolu 13 tal-Interpretation Act (Kap.249 tal-Ligijiet ta' Malta), meta xi reat isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f' dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat, kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat.

Illi mill-provi jirrizulta w del resto mhux kontestat - anzi hu koncess fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Zahra u fix-xhieda tal-ufficcjal prosekutur - li l-imputat Zahra huwa Direttur tas-socjeta' Green Investments Limited, proprjetarja tal-grawnds in kwistjoni. Ghalhekk indubbjament hu applikabbli ghall-imputat l-Artikolu 13 tal-Kap. 249 bil-konsegwenzi kollha li dan l-artikolu jimporta, kompriz, f' certi kazi l-inverzjoni tal-oneru tal-prova.

Illi l-Artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni jistipola illi:-

"*Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffichal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat*".

Illi fl-umli fehma ta' l-esponent, l-ingredjenti rikjesti mill-artikolu precitat huma ezawriti fil-kaz *de quo* u dana ghaliex jirrizulta ampjament car illi l-appellant kien izolat mit-tmexxija u d-direzzjoni tal-kumpanija.

Una volta jigi stabbilit li l-incident ikun gara tort tas-socjeta' proprjetarja tal-*football grawnd*, ikun jinkombi fuqu li jipprova li r-reat ikun sar minghajr it-taghtif tieghu w li hu kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat. Dan apparti kull negligenza, nuqqas ta' hila fl-arti jew is-sengha tieghu, jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tieghu personalment, li jistghu talvolta jirrizultaw f'dan il-kaz.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ezercizzju ta' diligenza xierqa biex tevita l-ghemil ta' reati mill-kumpanija jimplika necessarjament sorveljanza adegwata tal-affarijiet tal-kumpanija sabiex jigi assikurat li l-kumpanija tottempera ruhha mal-ligi. Jekk direttur ta' kumpanija jonqos milli jissorvelja adegwatament l-affarijiet tal-kumpanija, dan certament qatt ma hu ser ikun jaf bl-ghemil doluz tal-kumpanija u ghalhekk ghalkemm jkun jista' jipprova li hu ma kienx jaf bil-kommissjoni tar-reati mill-kumpaniji, huwa jonqos milli jipprova li jezercita diligenza xierqa sabiex r-reati ma jsirux. Id-direttur ta' kumpanija ma jistax jaghlaq ghajnejh ghal dak li qieghed jigri fil-kumpanija biex wara jghid *ma kontx naf* u b'hekk facilment jezimi ruhu mir-responsabbilita'. Ghalhekk il-ligi tirrikjedi u tesigi li d-direttur jezercita sorveljanza attiva u kontinwa biex jara li l-kumpanija tottempera ruhha mal-ligi. Fil-fatt dwar x'tip ta' diligenza irid jezercita d-direttur, **Smith & Hogan** fil-ktieb taghhom ***Criminal Law*** jghidu:

"*The degree of care is the average or normal degree of care expected from the particular individual and it is not a superlative degree of care. That is, the reasonable man is not he who is most reasonable, but just the normal type of reasonable man. The law requires not that who is extraordinary but that which is reasonable, that is, that diligent which from Roman times has been known as the "diligentia bonus paterfamilias".*

Ghalhekk id-direttur mhux responsabbli ghal dak kollu li jigri fil-kumpanija izda jekk jiehu hsieb li jkollu l-infrastruttura tajba u jiehu hsieb li jimpiega esperti f'certi oqsma tax-xoghol, u dan nonostante jigri incident, id-direttur m'ghandux jinzamm responsabbli.

Fil-fatt, kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Hugh David McCandie[21]** inghad li**:-**

"*Such criminal responsibility is not absolute and the main officer of a company can plead non answerability if he can prove two things; namely that the offence was committed without his knowledge and that he exrcised all due diligence to prevent the commission of the offence. Otherwise he would be answerable just as if he himself had committed the offence.*"

Il-Qorti hawnhekk tissottolineja li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova n-*nexus* bejn l-incident li sehh u cioe' l-feriti li garrab Hector Zammit mal-posizzjoni li jokkupa Anthony Zahra, cioe' trid tipprova c-*chain*

[21] Deciza mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali nhar l-1ta' Settembru, 1983.

*of causation* imsemmija aktar 'l fuq, u cioe li minhabba t-traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta' Anthony Zahra, sehhew l-feriti ta' Hector Zammit.

Jirrizulta mill-atti li Anthony Zahra huwa l-uniku direttur ta' din il-kumpanija pero' jidher li ghandu xi nies impjegati mieghu li jiehdu hsieb l-operat ta' dan il-grawnd. Jidher li d-diskussjonijiet dwar l-uzu ta' dan il-grawnd ma jsirux minnu u lanqas ma jirrizulta li huwa b'xi mod involut fl-amministrazzjoni ta' dan il-grawnd, bhal per ezempju Sue Borg is-segretarja li tiehu l-*bookings* relattivi. L-imputat Zahra ma xehedx f'dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt jaghmel, pero' rrilaxxja stqarrija (fol. 24). F'din l-istqarrija mistoqsi jekk il-ko-akkuzat Mark Piscopo kienx impjegat minnu jghid li le. *Ex admisses* jghid "*hu l persuna li jiehu hsieb li jiftah u jaghlaq u ghandna arrangament ta' remunerazzjoni ghall-inkonvenjenza"*. Illi l-imputat Zahra fl-ebda hin ma jghid li s-socjeta' li taghha huwa Direttur hadet hsieb sabiex timpjega xi persuna responsabbli ghall-kura u amminsitrazzjoni ta' dan il-grawnd. Illi ma jidhirx jew almenu ma giex provat li l-imputat Zahra personalment huwa *hands on* f'din il-kumpanija izda donnha titmexxa minn terzi minkejja li huwa l-uniku Direttur u li ghalhekk jibqa' responsabbli taghha. Jidher li hija ir-responsabilta' tieghu sabiex il-grawnd jinzamm fi stat tajjeb ta' uzu peress li ma ingabet l-ebda persuna ohra li jirrizulta li kellu t-tmexxija tal-grawnd f'idejh, ghalkemm donnu l-imputat Zahra ried jaghti x'jifhem li huwa Piscopo li ghandu jiehu hsieb minkejja li mhux impjegat tas-socjeta'. Jidher li fil-jum tal-incident Zahra sahansitra anke kien imsiefer u li Sue Borg is-segretarja tas-socjeta' Green Investments Limited kienet ikkomunikat ma' Piscopo biex tgharrfu dwar il-volontarjat li kien ser ikun hemm fil-grawnd fejn kien hemm

diversi *players* u sahansitra anke nies taht l-eta' li kieu ser jilghabu *football* sabiex jigbru flus ghas-sorijiet ta' Mother Theresa. Jidher li dakinhar Mark Piscopo kien mar fil-lok kif ordnat lilu, ra li fil-fehma tieghu kollox kien sew (minkejja li ma jidhirx li kellu dan l-obbligu) u fetah il-grawnd u telaq 'l hemm. Kien biss wara li gie avzat li kien sehh incident li rega' mar fuq il-post. Jirrizulta wkoll li meta rritorna dan Piscopo beda ighajjat u jghid li Victor Zammit iddendel mal-lasta u kien ghalhekk li waqghet fuqu meta mix-xhieda kollha mismugha anke minn dawk li kienu prezenti hadd minnhom ma qal hekk u ghalhekk dak li qal Piscopo zgur li kien skorrett. Jidher minn dak li xehed Dr. Hugh Peralta li Piscopo huwa ragel maghruf fl-arena tal-*football* specjalment tal-club tal-Furjana, li jghin fin-*nursery* tal-Furjana, ghal xi zmien kellu l-bar tal-Furjana Club u ricentement anke jiehu hsieb il-kits tal-MFA.

Illi pero' jibqa' l-fatt kif sollevat mid-difiza li l-imputat Anthony Zahra ma giex akkuzat fil-vesti tieghu "bhala Direttur tas-socjeta' Green Investments Limited " minkejja li l-Prosekuzzjoni kienet taf li l-operat ta' dan il-grawnd kien jaqa' taht din l-istess socjeta' u ghalhekk bid-dettalji personali li nghataw tal-imputat Zahra fic-citazzjoni ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-responsabilita' penali attribwita lilu hija wahda vikarja in kwantu li qieghed jigi ritenut responsabbli kriminalment ghall-eghmil ta' haddiehor u cioe' in kwantu direttur ta' socjeta' kummercjali[22].

Kif gja gie ritenut mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, diversi drabi f'cirkostanzi bhal dawn ma hemm ebda htiega li fic-citazzjoni jinghad

[22] Il-Kodici Kriminali llum jipprevedi r-responsabilita' kriminali diretta ta' korp inkorporat ghal certi reati specifici (Ara Art. 121D, 82E, 208B(3), 248E(3), 310A, 328J(1), 337H(1) tal-Kodici Kriminali).

espressament li huwa kien qed jigi imharrek fil-vesti tieghu ta' direttur, jew manager ecc. tal-kumpanija, peress li r-responsabilita' vikarja f'kazijiet bhal dawn iggib ir-responsabilita' personali u individwali ta' dak li jkun ghan-nuqqasijiet tas-socjeta'[23].

F'kazijiet bhal dawn, ic-citazzjoni tkun kompluta w valida jekk issejjah biss lid-direttur jew ufficjal iehor skont il-ligi, anki minghajr riferenza ghas-socjeta' in kwistjoni kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Martin Pillow**.[24]

Ma jirrizultax li Piscopo huwa xi persuna mistharrga fid-disinn tal-grawnd jew ta' kif ghandhom jinzammu l-lasti jew ta' kif ghandu jnaqqas il-perikolu fil-grawnd. Ghalhekk jinghad *su due piedi* li s-socjeta' Green Investments Limited tramite Anthony Zahra ma kinitx impjegat persuna idoneja ghal dan il-ghan, u cioe' ghal supervizjoni tal-istess. Is-Sur Zahra naqas meta ma hax hsieb li jimpjega persuna responsabbli sabiex jissorvelja l-grawnd bil-ghan li jigu evitati incidenti simili, w ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli ghall-akkadut. Dan qed jinghad ghaliex l-incident sehh peress li l-lasta provduta minnu ma kinitx marbuta skond is-sengha, w bhala rizultat ta' dan meta Hector Zammit mess din il-lasta din waqghet ghal fuqu u kkagunatlu diversi feriti gravi kif deskritti mit-tobba aktar 'il fuq. Ghalhekk jinghad bla tlaqliq li l-imputat Zahra ma rnexxilux jipprova kif rikjest fl-Artikolu 13 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa ezercita sorveljanza attiva u kontinwa biex jara li l-kumpanija tottempera ruhha mal-ligi.

[23] Ara Appelli Inf Pulizija v Joseph Bonnici, 26/5/1995; Pulizija v Carmel Camilleri, 5/11/2004; Pulizija v Joseph Vella, 2/02/2006.
[24] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-18 ta' Novembru 2011.

Fir-rigward tal-ko-akkuzat Mark Piscopo jinghad li dan xehed fl-atti tal-inkjesta, rrilaxxja stqarrija w sahansitra anke xehed viva voce f'dawn il-proceduri. Jirrizulta li dakinhar tal-incident kien hu l-persuna responsabbli ghall-grawnd u dan ghaliex kien fetah il-grawnd sbiex isir il-loghob go fih. Jghid li kien mar fil-ghodu ra li l-lasti kienu mal-line, jghid li ra li l-lasti kienu ilkoll marbuta u ghalaq il-kancell u telaq' l hemm. Jghid li aktar tard wara nofsinhar rega' mar u fetah il-grawnd, ta c-cavetta lil xi persuna li lanqas ma kien jaf min hi, u telaq 'l hemm. Huwa irritorna lura meta gie mgharraf li kien hemm incident fejn kien korra bniedem. Jirrizulta ukoll mix-xhieda li xehdu li meta irritorna lura dan Piscopo beda jirrabja li l-persuna gibdet il-lasta ghal fuqha. Haga irresponsabbli ghall-ahhar.

Jirrizulta lil l-imputat Piscopo jghid li huwa ra li l-lasti kienu lkoll marbuta, pero' kif elenkat u identifikat aktar 'il fuq kien hemm diversi xhieda li qalu li kien hemm numru ta' lasti li ma kinux marbuta. Sahansitra anke l-espert nominat mill-Qorti jghid li sab li l-lasta li waqghet ghal fuq Hector Zammit ma kinitx marbuta. Ma hemmx dubbju li l-feriti li ssubixxa Hector Zammit kienu rizultat ta' kagun dirett bejn il-waqgha tal-lasta li ma kinitx marbuta ghal fuq ras Hector Zammit. Jidher li Piscopo ma hux bniedem ta' esperjenza sabiex jiehu hsieb grawnd, molto piu' meta tqis dak li jghid, u cioe' li ma jpoggix xkejjer tar-ramel fuq il-lasta sabiex ma jirrovinax is-*synthetic turf* meta fuq dan it-*turf* ikun hemm diversi nies fosthom tfal qed jilaghbu. Isir ringrazzjament lil Alla li ma kienx hemm disgrazzja aktar tragika f'dawk ic-cirkostanzi. Piscopo ma messux ha r-responsabbilta' diretta tal-grawnd meta kien jaf li ma kienx responsabbli ghal dan ix-xoghol. Ghalhekk m'hemmx dubju li kien negligenti f'dak li ghamel u cioe' li lanqas biss pogga xkejjer tar-

ramel fuq il-lasti jew addirittura jorbot il-lasti bil-katini meta kien jaf li kien ser ikun hemm *tournament* bit-tfal, li min-natura taghhom huma fitti w ihobbu jbaghbsu l-affarijiet. Kienet haga mistennija li jkun hemm xi hadd li jmiss il-lasta jew addirittura li jkun hemm xi *kick* b'sahhtu ghal fuq lasta u li b'hekk kienet ser taqa'. Dan zgur kien prevedibbli, molto piu' meta tqis li Piscopo jaghmel hafna hin fuq grawnd tal-*football* u ghalhekk kien mistenni minnu li juza dik id-diligenza ordinarja li kellu w jiehu mizuri sabiex jevita sinistru bhal dan.

Dwar in-natura tal-ferita ssir refernza ghal dak li qal l-Oftalmologu Dr. Mario Said u minn ezami tal-istess jirrizulta li Hector Zammit ghandu debilita permanenti ta' 29% kagun ta' dan l-incident, liema ferita tammonta ghal debulizza permanenti fis-sahha u fil-gisem tieghu.

Dwar il-piena l-Qorti rat li l-Fedina Penali ta' Mark Piscopo hija wahda nadifa minghajr ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha w ghalhekk din il-Qorti ser titratta mieghu bhala *'first time offender'* waqt li l-imputat Anthony Zahra ghandu Fedina Penali reflettarja ghalkemm hafna mill-akkuzi (stante li hemm 'il fuq minn erbghin *conviction*) huma ta' natura *de minimis* u jirrigwardaw reati u kontravenzjonijiet naxxenti mill- Ordinanza tat-Traffiku w ghalhekk il-piena zgur li ser tigi riflessa fis-sentenza taghha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi w cioe' l-Artikolu 226 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w tiddikjara li <u>ssib liz-zewg imputati MARK PISCOPO u ANTHONY ZAHRA hatja ta' l-akkuza kif addebitata fil-konfront taghhom u tikkundannahom</u>**

**in kwantu ghall-imputat MARK PISCOPO is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) u in kwantu ghall-imputat ANTHONY ZAHRA is-somma ta tlett elef Ewro (€ 3,000).**

**Oltre dan tordna sabiex ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-imputati *in solidum* ihallsu lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez involuti fl-inkjesta u dan fi zmien tlett (3) xhur minn meta jigu hekk mitluba mid-Direttur tal-Qrati Kriminali.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jiehu hsieb jigbor l-ispejjez involuti fin-nomina tal-esperti.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**